# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 189

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 60

15 ta' Ġunju 2017


Werrej

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*


RIŻOLUZZJONIJIET

**Il-Kunsill**

2017/C 189/01 Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar id-Djalogu Strutturat u l-iżvilupp futur tad-djalogu maż-żgħażagħ fil-kuntest tal-politiki għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ, wara l-2018 ................. 1

2017/C 189/02 Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport (1 ta' Lulju 2017 - 31 ta' Diċembru 2020) ..... 5

RAKKOMANDAZZJONIJIET

**Il-Kunsill**

2017/C 189/03 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2017 dwar il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja u li tħassar ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja ................................. 15


MT

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2017/C 189/04 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.8301 — GE/ATI/JV) ([1]) ........ 29

2017/C 189/05 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.8190 — Weichai/Kion) ([1]) ........ 29


---

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kunsill**


2017/C 189/06 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-ħidma fost iż-żgħażagħ għall-appoġġ liż-żgħażagħ fl-iżvilupp ta' ħiliet essenzjali għall-ħajja li jiffaċilitaw it-transizzjoni b'suċċess tagħhom għall-ħajja adulta, iċ-ċittadinanza attiva u l-ħajja tax-xogħol ........ 30

2017/C 189/07 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar perspettivi strateġiċi għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ wara l-2018 ........ 35

2017/C 189/08 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar approċċ strateġiku tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali ........ 38

2017/C 189/09 Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-isport bħala pjattaforma għall-inklużjoni soċjali permezz tal-volontarjat ........ 40


**Il-Kummissjoni Ewropea**


2017/C 189/10 Rata tal-kambju tal-euro ........ 45


INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

**Awtorità ta' Sorveljanza EFTA**


2017/C 189/11 Tħabbira min-Norveġja dwar id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-ipprospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi — Tħabbira ta' stedina għall-applikazzjoni għal liċenzji għall-produzzjoni ta' żejt mhux maħdum fuq il-Blata Kontinentali Norveġiża — Għotjiet f'Żoni Predefiniti għall-2017 ........ 46


---

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

V *Avviżi*

PROĊEDURI TAL-QORTI

**Qorti tal-EFTA**


2017/C 189/12 Inġunzjoni tal-15 ta' Novembru 2016 fil-Kawża E-7/16 — Míla ehf. vs l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA *(Eċċezzjoni preliminari ta' ammissibbiltà — Għajnuna mill-Istat — Deċiżjoni biex tingħalaq il-proċedura ta' investigazzjoni formali)* ..... 48

2017/C 189/13 Sentenza tal-Qorti tas-16 ta' Novembru 2016 fil-Kawża E-4/16 — L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA v Ir-Renju tan-Norveġja *(Nuqqas ta' konformità ma' sentenza tal-Qorti li tiddikjara nuqqas ta' twettiq ta' obbligi — l-Artikolu 33 SCA — Il-miżuri meħtieġa biex ikun hemm konformità ma' sentenza tal-Qorti)* ..... 49


PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2017/C 189/14 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8467 — BNP Paribas/Commerz Finanz) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ([1]) ..... 50

2017/C 189/15 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8483 — Bain Capital/Cinven/Stada Arzneimittel) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ([1]) ..... 51

2017/C 189/16 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (M.8440 — DuPont/FMC (Health and Nutrition Business)) ([1]) ..... 52

2017/C 189/17 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8504 — EDF Energy Services/ESSCI) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ([1]) ..... 53


**Rettifika**


2017/C 189/18 Rettifika għal proċeduri ta' stralċ — Deċiżjoni biex jitnedew proċeduri ta' stralċ fir-rigward ta' ADRIA Way (ĠU C 123, 20.4.2017) ..... 54


([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# IL-KUNSILL

## Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar id-Djalogu Strutturat u l-iżvilupp futur tad-djalogu maż-żgħażagħ fil-kuntest tal-politiki għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ, wara l-2018

(2017/C 189/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR LI:

1. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar "L-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni politika taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika fl-Ewropa" ([1]) stqarret li l-prijorità tematika ġenerali għall-kooperazzjoni Ewropea għad-Djalogu Strutturat fil-qasam taż-żgħażagħ għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2016 sat-30 ta' Ġunju 2017 kienet ser tkun "Il-possibbiltà għaż-żgħażagħ kollha li jinvolvu ruħhom f'Ewropa diversa, konnessa u inklużiva" u li din it-tema kienet ser tkun l-element komuni li jiżgura l-kontinwità u l-konsistenza fil-ħidma tat-triju ta' Presidenzi - in-Netherlands, is-Slovakkja u Malta, f'konformità mal-Pjan ta' Ħidma tal-UE għaż-Żgħażagħ 2016-2018.

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI LI:

2. Id-Djalogu Strutturat huwa proċess parteċipattiv u l-eżiti tal-ħames ċiklu ta' ħidma huma bbażati fuq ir-riżultati miksuba mill-konsultazzjonijiet nazzjonali matul il-Presidenza Netherlandiża, dik Slovakka u dik Maltija, kif ukoll mill-Konferenzi tal-UE dwar iż-Żgħażagħ f'Amsterdam f'April 2016, f'Kosice f'Ottubru 2016 u f'Malta f'Marzu 2017.

3. Il-Presidenza Netherlandiża ffukat fuq l-esplorazzjoni tal-isfidi u l-problemi li qed jiffaċċjaw iż-żgħażagħ fl-Ewropa tal-lum. Matul il-Konferenza taż-Żgħażagħ f'Amsterdam (April 2016), tħejjew mistoqsijiet ta' gwida għal konsultazzjoni maż-żgħażagħ, u l-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali fil-livell tal-Istati Membri ġew mistiedna jwettqu l-konsultazzjoni u jipprovdu feedback.

4. Il-Konferenza dwar iż-Żgħażagħ f'Kosice (Ottubru 2016) ikkunsidrat u ddiskutiet ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet maż-żgħażagħ u r-rappreżentanti taż-żgħażagħ, u flimkien ma' rappreżentanti mill-Istati Membri, żviluppat Rakkomandazzjonijiet Konġunti tad-Djalogu Strutturat dwar iż-Żgħażagħ, li ġew diskussi fil-Kunsill EYCS f'Novembru 2016, flimkien mas-sitwazzjoni taż-żgħażagħ fl-Ewropa. Ir-riżultati ta' din id-diskussjoni ntbagħtu lill-President tal-Kunsill Ewropew.

5. Matul il-Konferenza taż-Żgħażagħ f'Malta (Marzu 2017), ir-Rakkomandazzjonijiet Konġunti komplew jiġu diskussi, ngħataw prijorità u ġew żviluppati azzjonijiet għall-implimentazzjoni tagħhom.

JIEĦU NOTA:

6. tar-Rakkomandazzjonijiet Konġunti u l-azzjonijiet proposti tad-Djalogu Strutturat dwar iż-Żgħażagħ — "Il-possibbiltà għaż-żgħażagħ kollha li jinvolvu ruħhom f'Ewropa diversa, konnessa u inklużiva" — li jiffukaw fuq is-suġġetti li ġejjin: Aċċess għal informazzjoni kritika u ta' kwalità; Bini tar-reżiljenza u l-kunfidenza fihom infushom; Lil hinn mill-biża' u l-intolleranza; Lejn sistema edukattiva li tattwa l-potenzjal taż-żgħażagħ; Trawwim tal-involviment taż-żgħażagħ fis-soċjetà; Bini mill-ġdid tal-fiduċja taż-żgħażagħ fil-proġett Ewropew; Programmi ta' mobilità għal kulħadd; u l-Impatt tal-ħidma fost iż-żgħażagħ u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ għal kulħadd kif stipulat fl-Anness.

([1]) ĠU C 417, 15.12.2015, p. 10.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, FL-ISFERI TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM U BIR-RISPETT DOVUT GĦALL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ:

7. sabiex jikkunsidraw ir-Rakkomandazzjonijiet Konġunti u l-azzjonijiet proposti tad-Djalogu Strutturat dwar iż-Żgħażagħ fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki futuri għaż-żgħażagħ fejn xieraq.

8. sabiex iwettqu rieżami tal-proċess ta' Djalogu Strutturat u l-għanijiet tiegħu għall-Kooperazzjoni Ewropea fil-Qasam taż-Żgħażagħ Wara l-2018 u jikkunsidraw modi innovattivi u effettivi li jippromwovu djalogu u involviment sinifikanti u kostruttiv ma' żgħażagħ minn ambjenti differenti, ma' organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, riċerkaturi żgħażagħ u ma' dawk li jfasslu l-politika inkluż partijiet ikkonċernati minn setturi rilevanti oħra.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI:

9. Fuq il-bażi tal-evidenza, l-evalwazzjoni u l-konsultazzjonijiet, tipproponi proċess imġedded ta' Djalogu Strutturat bħala parti mill-Kooperazzjoni Ewropea fil-Qasam taż-Żgħażagħ - Wara l-2018.

JAQBEL UKOLL LI:

10. Minħabba li l-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (2010-2018) ser jitlesta fl-2018, il-prijorità ġenerali għad-djalogu strutturat maż-żgħażagħ u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ għaċ-ċiklu ta' ħidma li jmiss (mill-1 ta' Lulju 2017 sal-31 ta' Diċembru 2018) għandha tkun iffukata fuq il-qafas li jmiss għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ. It-titlu għas-sitt ċiklu tad-Djalogu Strutturat ser ikun "Iż-Żgħażagħ fl-Ewropa: xi jmiss?".

11. Il-fokus tat-Triju ta' Presidenzi li jmiss - l-Estonja, il-Bulgarija u l-Awstrija - għas-sitt ċiklu ta' ħidma tad-Djalogu Strutturat ser ikun li jevalwaw, jirrieżaminaw u jġeddu d-Djalogu Strutturat biex ikomplu jtejbuh u jippromwovuh.

*ANNESS*

## Rakkomandazzjonijiet konġunti tad-Djalogu Strutturat dwar iż-Żgħażagħ

*Il-possibbiltà għaż-żgħażagħ kollha li jinvolvu ruħhom f'Ewropa diversa, konnessa u inklużiva*

### Aċċess għal Informazzjoni Kritika u ta' Kwalità

1. L-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw jew ikomplu jimplimentaw politika u prattika bbażati fuq l-evidenza li jimmiraw li kontinwament itejbu l-ħiliet taż-żgħażagħ biex jevalwaw b'mod kritiku u jipproċessaw l-informazzjoni permezz tal-edukazzjoni kemm formali kif ukoll mhux formali.

2. L-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri, f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, għandhom jappoġġaw media mmexxija miż-żgħażagħ li tkun trasparenti, indipendenti u diversa, peress li din tikkontribwixxi biex jissaħħaħ il-litteriżmu fil-media, u l-ħsieb kritiku u analitiku fost iż-żgħażagħ. Il-Kumitat CULT tal-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea huma mistiedna jieħdu kont ta' dan l-aspett waqt ir-reviżjoni ta' "Erasmus +", "Ewropa għaċ-ċittadini", "Ewropa Kreattiva" u l-programmi l-oħra rilevanti kollha.

### Żgħażagħ taħt pressjoni: Il-Bini tar-Reżiljenza u l-kunfidenza fihom infushom

1. Fid-dawl tal-fatt li l-aspettattivi għal prestazzjoni kompetittiva qed jiżdiedu fix-xenarji edukattivi, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jridu jiżguraw li ż-żgħażagħ ikollhom biżżejjed ħin u spazju għal attivitajiet li jgħinuhom jibnu r-reżiljenza, l-għarfien tagħhom infushom u l-kunfidenza fihom infushom.

2. L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom jimplimentaw edukazzjoni dwar il-benessri mentali u s-saħħa mentali, kemm permezz tas-sistema tal-edukazzjoni formali u kif ukoll fl-ambjent mhux formali. L-għan huwa li titkisser l-istigma permezz tas-sensibilizzazzjoni u wkoll li ż-żgħażagħ ikunu jistgħu jitgħallmu kif jieħdu ħsieb is-saħħa mentali tagħhom u kif jikkomunikaw ma' sħabhom dwar din il-kwistjoni.

### Lil hinn mill-biża' u l-intolleranza - L-esperjenza tad-diversità

1. L-Awtoritajiet Ewropej u Nazzjonali għandhom iżidu l-finanzjament u l-appoġġ istituzzjonali fl-istabbiliment ta' Programmi Lokali u Skambji fil-Livell Nazzjonali biex jippermettu liż-żgħażagħ kollha jkollhom rabta diretta ma' żgħażagħ oħrajn minn ambjenti u realtajiet differenti, sabiex isaħħu l-kompetenzi interkulturali, jittrattaw id-diskriminazzjoni, jippromwovu l-empatija u s-solidarjetà, u jesperjenzaw il-benefiċċji tad-diversità.

2. Biex iż-żgħażagħ kollha jgħixu f'Ewropa ta' diversità, l-UE u l-Awtoritajiet Kompetenti Nazzjonali jridu jiżviluppaw jew jappoġġaw taħriġ u programmi ta' żvilupp għall-għalliema u l-komunitajiet tal-iskejjel sabiex jinħoloq ambjent sigur u inklussiv fejn iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jiżviluppaw kompetenzi biex jegħlbu l-biża' u d-diskriminazzjoni.

### Lejn sistema edukattiva li tattwa l-potenzjal taż-żgħażagħ

1. Aħna nitolbu l-impenn tal-istati membri kollha biex jiżguraw servizzi ta' gwida u konsulenza li jagħtu s-setgħa liż-żgħażagħ kollha biex jiżviluppaw lilhom infushom u jsibu triqthom fil-ħajja tul l-istadji kollha tal-edukazzjoni.

2. L-edukazzjoni tonqos milli tipprovdi liż-żgħażagħ bil-ħiliet prattiċi meħtieġa li huma rilevanti għas-soċjetà moderna. Aħna nħeġġu lill-Istati Membri kollha biex jinkoraġġixxu l-inklużjoni ta' ħiliet prattiċi għall-ħajja fl-edukazzjoni sabiex iż-żgħażagħ jkunu jistgħu jkunu parteċipanti attivi f'soċjetajiet diversi u fil-post tax-xogħol.

### It-trawwim tal-involviment taż-żgħażagħ fis-soċjetà b'mod partikolari għal gruppi vulnerabbli.

1. L-istituzzjonijiet edukattivi u l-partijiet ikkonċernati lokali, b'kooperazzjoni maż-żgħażagħ, għandhom jipprovdu appoġġ imfassal apposta, servizz aċċessibbli, u kif ukoll joħolqu spazji għal interazzjoni sinifikanti, sabiex iż-żgħażagħ kollha jkunu jistgħu jiskopru u jħaddnu l-identità u l-valur individwali tagħhom. Din hija l-bażi li fuqha tissawwar fiduċja reċiproka bejn żgħażagħ minn ambjenti differenti.

2. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull żagħżugħ u żagħżugħa, tkun xi tkun is-sitwazzjoni personali u soċjali tagħhom, ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom liberament f'attivitajiet ta' volontarjat billi dawn isiru aċċessibbli. L-involviment għandu jiġi żgurat, pereżempju f'organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, biex jinħoloq sens ta' appartenenza u biex iż-żgħażagħ jingħataw is-setgħa bħala ċittadini.

### Il-kisba mill-ġdid tal-fiduċja taż-żgħażagħ fil-proġett Ewropew

1. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Forum Ewropew taż-Żgħażagħ għandhom jaħdmu flimkien biex janalizzaw u jifhmu kif iż-żgħażagħ jaċċessaw il-komunikazzjoni mill-UE u dwarha u biex jiżviluppaw strateġija ta' komunikazzjoni sabiex jinfurmaw liż-żgħażagħ Ewropej dwar l-UE u kif jistgħu jħallu impatt pożittiv fuq il-proġett tal-UE.

2. Biex titnaqqas id-distanza bejn iż-żgħażagħ u l-UE u l-politiki tagħha, għandhom jiġu organizzati Festivals taż-Żgħażagħ tal-UE fil-livell Nazzjonali u/jew Reġjonali fl-Istati Membri kollha b'rabta ma' inizjattivi Ewropej. Dawn il-festivals, li jikkombinaw attivitajiet soċjali, politiċi u kulturali, għandhom ilaqqgħu flimkien żgħażagħ minn ambjenti differenti. Dawn l-avvenimenti ser irawmu t-tagħlim u d-dibattitu dwar l-UE u l-opportunitajiet li toffri u ser jiffurmaw il-politiki tagħha f'ambjent ta' divertiment flimkien.

**Programm ta' mobilità: impjiegi u edukazzjoni għal kulħadd**

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ikomplu bl-isforzi tagħhom biex jegħlbu l-ostakli eżistenti li ż-żgħażagħ għandhom fl-aċċess għall-mobilità. L-aċċess għal programmi ta' mobilità għandu jiġi ssimplifikat u adattat aħjar għall-ħtiġijiet diversi taż-żgħażagħ. Għandhom jiġu pprovduti informazzjoni u gwida biex titqajjem aktar kuxjenza dwar l-opportunitajiet ta' mobilità.

2. L-Istati Membri tal-UE għandhom joħolqu qafas legali għar-rikonoxximent u l-validazzjoni tal-kompetenzi miksuba permezz ta' programmi ta' mobilità fil-livell nazzjonali u Ewropew. Dan mhux talli ser jipprovdi aċċess ugwali għal opportunitajiet ta' tagħlim diversi iżda ser jivvalida wkoll il-ħiliet miksuba u jikkontribwixxi għall-inklużjoni soċjali taż-żgħażagħ.

**L-impatt tal-ħidma fost iż-żgħażagħ u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ għal kulħadd**

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea għandhom jippromwovu u jappoġġaw firxa ta' spazji virtwali u fiżiċi ddedikati għall-ħidma kwalifikata fost iż-żgħażagħ bħala rispons għall-ħtiġijiet u l-interessi taż-żgħażagħ kollha.

2. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom jallokaw biżżejjed fondi operazzjonali sabiex il-ħidma fil-qasam taż-żgħażagħ u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ ikunu kapaċi jwettqu ħidma sostenibbli fost iż-żgħażagħ li tkun aċċessibbli, rilevanti u sinifikanti għaż-żgħażagħ kollha.

# Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport

## (1 ta' Lulju 2017 - 31 ta' Diċembru 2020)

(2017/C 189/02)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI,

## I. **INTRODUZZJONI**

1. IFAKKRU fil-kompetenza assenjata lill-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari mill-Artikolu 6 u l-Artikolu 165 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li skont huma l-isport huwa qasam fejn l-azzjoni fil-livell tal-UE għandha tappoġġa, tikkoordina u tissupplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri.

2. IFAKKRU fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport għall-2011-2014 ([1]) u għall-2014-2017 ([2]).

3. JILQGĦU r-Rapport mill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni u r-rilevanza tal-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport 2014-2017 ([3]).

4. IQISU li l-isport jista' jikkontribwixxi għall-prijoritajiet ġenerali tal-aġenda tal-politika ekonomika u soċjali, kif ukoll dik dwar is-sigurtà, tal-UE u b'mod partikolari għall-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv.

5. JIRRIKONOXXU li l-isport jaqdi rwol pożittiv fil-kooperazzjoni transsettorjali fil-livell tal-UE u b'hekk jgħin biex jiġi żgurat l-iżvilupp sostenibbli u biex jiġu trattati b'mod xieraq l-isfidi soċjoekonomiċi ġenerali u dawk relatati mas-sigurtà li qed tħabbat wiċċha magħhom l-UE, inkluż il-migrazzjoni, l-esklużjoni soċjali, ir-radikalizzazzjoni li tista' twassal għal estremiżmu vjolenti, il-qgħad, kif ukoll stili ta' ħajja ħżiena għas-saħħa u l-obeżità.

6. JAGĦRFU l-ħtieġa ta' kooperazzjoni xierqa mal-partijiet ikkonċernati fil-qasam tal-isport fost l-oħrajn permezz ta' djalogu strutturat ([4]).

7. JIEĦDU NOTA tar-riżultati li ħarġu mill-Ewrobarometru dwar l-Isport u l-Attività Fiżika ppubblikat fl-2014, waqt li jirrikonoxxu d-differenzi kbar fost l-Istati Membri, inkluż fir-rigward tar-riżultati fuq ix-xogħol volontarju u l-imġiba sedentarja, u jieħdu nota tal-istatistika prodotta mill-Eurostat li tkopri d-data ta' natura ekonomika u soċjali ewlenija dwar l-isport.

8. JIRRIKONOXXU l-ħtieġa li titwettaq kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali tal-UE, biex jiġu promossi l-valuri Ewropej permezz tad-diplomazija bl-isport, u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fil-qasam tal-isport, inkluż il-Kunsill tal-Ewropa, il-WADA u l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.

9. KONSEGWENTEMENT JAQBLU

— li jkomplu jiżviluppaw qafas ta' kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tal-isport bl-istabbiliment tat-tielet Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Isport għall-azzjonijiet tal-Istati Membri u l-Kummissjoni;

— dwar skeda ta' żmien konkreta għal dan il-Pjan ta' Ħidma, jiġifieri mill-1 ta' Lulju 2017 sal-31 ta' Diċembru 2020;

— li l-attivitajiet fil-livell tal-UE fil-qasam tal-isport għandhom jiffokaw fuq it-temi ta' prijorità, it-temi ewlenin, ir-riżultati kif ukoll il-metodi ta' ħidma u l-istrutturi elenkati f'dan il-Pjan ta' Ħidma, u kif stipulat fl-Anness I.

## II. **AKTAR ŻVILUPP TAD-DIMENSJONI EWROPEA FL-ISPORT BL-ISTABBILIMENT TA' PJAN TA' ĦIDMA TAL-UE**

10. IQISU li dan il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Isport għandu jkun regolat mill-objettivi ta' gwida li ġejjin:

— li jiġi żgurat, permezz ta' kooperazzjoni transettorjali, l-għarfien minn oqsma oħra ta' politika tal-UE dwar il-kontribut li l-isport jista' jagħti sabiex jingħelbu l-isfidi tal-politika li qed tħabbat wiċċha magħhom l-UE;

([1]) ĠU C 162, 1.6.2011, p. 1.
([2]) ĠU C 183, 14.6.2014, p. 12.
([3]) Dok. 5516/17 + ADD 1.
([4]) Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2010 fejn il-Kunsill qabel li jsejjaħ, fuq bażi regolari, ġeneralment fil-marġini tal-laqgħa tal-Kunsill, laqgħa informali tar-rappreżentanti prinċipali tal-awtoritajiet pubbliċi tal-UE u tal-moviment sportiv bil-għan li jsir skambju ta' fehmiet dwar kwistjonijiet ta' sport fl-UE (ĠU C 322, 27.11.2010, p. 1).

— li l-bażi ta' evidenza għall-isport tkompli tissaħħaħ;

— li jiġi promoss approċċ kooperattiv u miftiehem fost l-Istati Membri u l-Kummissjoni, u fejn xieraq mal-moviment sportiv u partijiet oħra kkonċernati, għall-kisba ta' valur miżjud fil-qasam tal-isport fil-livell tal-UE fuq perijodu aktar fit-tul;

— li l-isfidi transnazzjonali jiġu indirizzati bl-użu ta' approċċ ikkoordinat tal-UE;

— li jittieħed kont tan-natura speċifika tal-isport;

— li jingħata kontribut għall-prijoritajiet ġenerali tal-aġenda tal-politika ekonomika u soċjali tal-UE, kif ukoll għall-żvilupp sostenibbli sabiex tingħata spinta lill-impjiegi, it-tkabbir u l-investiment kif ukoll issir tħejjija għall-perijodu ta' wara l-2020 ([1]);

— li tiġi promossal-ugwaljanza bejn is-sessi;

— li jittieħed kont tar-relazzjoni bejn l-edukazzjoni u l-isport, inklużi karrieri doppji għall-atleti;

— li l-ħidma titkompla fuq il-bażi tal-kisbiet tal-ewwel żewġ Pjanijiet ta' Ħidma tal-UE għall-Isport;

— li l-impatt ta' attivitajiet imnedija taħt il-programm *Erasmus*+ fil-qasam tal-isport jiġi kkomplementat u jissaħħaħ;

— li jingħata kontribut għall-iżvilupp tal-isport tal-massa fl-UE.

11. JISSOTTOLINJAW li dan il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għandu jkun qafas u strument flessibbli li jista' jirrispondi fil-ħin għal żviluppi fil-qasam tal-isport u li jieħu kont tal-prijoritajiet tal-Presidenzi futuri.

12. JAQBLU li t-temi u t-temi ewlenin li ġejjin għandhom jingħataw prijorità mill-Istati Membri u l-Kummissjoni għall-perijodu kopert minn dan il-Pjan ta' Ħidma. Dawn jistgħu jiġu kkomplementati minn kull Presidenza fid-dawl ta' kwalunkwe żvilupp ġdid li jista' jkun hemm:

1. L-integrità tal-isport, b'mod partikolari l-promozzjoni ta' governanza tajba inkluż is-salvagwardja tal-minorenni, l-ispeċifiċità tal-isport, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u t-tbagħbis tal-logħob, kif ukoll il-ġlieda kontra d-doping;

2. Id-dimensjoni ekonomika tal-isport, b'mod partikolari l-innovazzjoni fl-isport, u l-isport u s-suq uniku diġitali;

3. L-isport u s-soċjetà, b'mod partikolari l-inklużjoni soċjali, ir-rwol tal-kowċis, l-edukazzjoni fl-isport u permezz tal-isport, l-isport u s-saħħa, l-isport u l-ambjent u l-isport u l-media, kif ukoll id-diplomazija bl-isport.

Id-dettalji marbutin mal-eżekuzzjoni tat-temi ewlenin ta' hawn fuq huma stabbiliti fl-Anness I.

13. JAQBLU li

— l-Pjan ta' Ħidma tal-UE jista' jiġi rivedut mill-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill fid-dawl ta' riżultati miksubin u żviluppi ta' politika fil-livell tal-UE;

— ir-riflessjonijiet ta' nofs it-terminu dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-UE ser jiġu organizzati matul l-ewwel nofs tal-2019.

## III. **METODI U STRUTTURI TA' ĦIDMA**

14. JIRRIKONOXXU li hemm il-ħtieġa li titkompla l-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri kif ukoll mal-Kummissjoni sabiex jiġi implimentat il-Pjan ta' Ħidma. Jirrikonoxxu wkoll li l-moviment sportiv u l-organizzazzjonijiet kompetenti rilevanti fil-livell nazzjonali, Ewropew u dak internazzjonali bħall-Kunsill tal-Ewropa, il-WADA u d-WHO għandhom ikunu assoċjati mill-qrib ma' din il-kooperazzjoni.

15. IQISU li

Għandhom jiġu stabbiliti strutturi u metodi ta' ħidma xierqa għas-segwitu tal-kisbiet mill-ewwel żewġ Pjanijiet ta' Ħidma tal-UE u għall-iżvilupp ta' riżultati ġodda f'konformità mat-temi ta' prijorità u t-temi ewlenin, kif stabbiliti fil-paragrafu 12 hawn fuq;

([1]) 10 prijoritajiet ta' politika tal-Kummissjoni ta' Juncker http://ec.europa.eu/priorities/publications/president-junckers-political-guidelines_en)

Għandhom jiġu organizzati laqgħat tal-Gruppi ta' Esperti u laqgħat tematiċi, fejn xieraq, mill-Kummissjoni fl-oqsma ta' politika li ġew trattati, fost l-oħrajn, b'mod estensiv permezz tal-Pjanijiet ta' Ħidma għall-Isport preċedenti u dak attwali.

Il-laqgħat jistgħu jiġu organizzati fuq l-inizjattiva ta' Stat Membru wieħed jew għadd ta' Stati Membri dwar suġġetti ta' interess komuni (gruppi ta' Stati Membri interessati). Dawn il-laqgħat ser jittrattaw, fost oħrajn, attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari fost l-Istati Membri parteċipanti.

Strutturi u metodi ta' ħidma oħrajn jistgħu jinkludu konferenzi u seminars tal-Presidenza, laqgħat informali tal-Ministri u d-Diretturi tal-Isport, studji tal-Kummissjoni u konferenzi u seminars tal-Kummissjoni.

Il-prinċipji ewlenin relatati mad-diversi metodi ta' ħidma huma stabbiliti fl-Anness II.

Fit-tieni nofs tal-2020, l-implimentazzjoni ta' dan il-Pjan ta' Ħidma tal-UE ser tiġi evalwata mill-Kunsill abbażi ta' rapport imħejji mill-Kummissjoni matul l-ewwel nofs tal-2020.

## IV. **AKTAR PASSI**

16. JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI SABIEX:

— jaħdmu flimkien mal-Kummissjoni biex dan il-Pjan ta' Ħidma tal-UE jiġi implimentat b'mod effettiv u bl-użu ta' strutturi u metodi ta' ħidma speċifikati minn din ir-Riżoluzzjoni;

— filwaqt li jirrispettaw il-prinċipju ta' sussidjarjetà u l-awtonomija tal-istrutturi governattivi tal-isport, jieħdu kont debitu ta' dan il-Pjan ta' Ħidma tal-UE meta jkunu qed jiżviluppaw linji ta' politika fil-livell nazzjonali;

— jinformaw regolarment, u fejn xieraq jikkonsultaw magħhom, lill-partijiet ikkonċernati fl-isport dwar il-progress li jkun sar bl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma tal-UE, sabiex jiġu żgurati r-rilevanza u l-viżibilità tal-attivitajiet;

— ixerrdu, fejn ikun adatt, fl-Istati Membri u fil-livelli xierqa, ir-riżultati miksuba skont dan il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Isport u dawk preċedenti;

— jorganizzaw laqgħat dwar suġġetti ta' interess komuni (gruppi ta' Stati Membri interessati);

— jibdew u jmexxu eżerċizzji ta' tagħlim bejn il-pari f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni.

17. JISTIEDNU LILL-PRESIDENZI TAL-KUNSILL:

— jieħdu kont, inkluż fil-kuntest tat-Triju ta' Presidenzi, tat-temi ta' prijorità tal-Pjan ta' Ħidma tal-UE meta jiżviluppaw il-programm tagħhom u jibnu fuq ir-riżultati diġà miksuba;

— jinformaw lill-Istati Membri dwar il-ħidma attwali jew ippjanata f'formazzjonijiet oħrajn tal-Kunsill li għandha impatt fuq l-isport;

— fi tmiem it-terminu kopert minn din ir-Riżoluzzjoni, u abbażi ta' Rapport imħejji mill-Kummissjoni, jipproponu abbozz ta' Pjan ta' Ħidma tal-UE ġdid għall-perijodu li jmiss, jekk ikun meħtieġ;

— iqisu l-evalwazzjoni tad-djalogu strutturat mal-moviment sportiv ([1]).

18. JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI:

— taħdem mal-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' dan il-Pjan ta' Ħidma, b'mod partikolari rigward ir-riżultati deskritti fl-Anness I;

— tinforma lill-Istati Membri dwar inizjattivi li għaddejjin jew ippjanati f'oqsma ta' politika oħrajn tal-UE li jħallu impatt fuq l-isport u żviluppi rispettivi fil-Kummissjoni;

— tinforma lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Isport bil-mandati tal-gruppi ta' esperti;

— tappoġġa lill-Istati Membri u atturi rilevanti oħra fl-attivitajiet tagħhom dwar it-temi u t-temi ewlenin stipulati f'din ir-Riżoluzzjoni, b'mod partikolari billi:

  — teżamina l-mezzi biex tiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' Stati Membri u esperti, kif ukoll tistieden rappreżentanti mill-moviment sportiv u, fejn xieraq, partijiet ikkonċernati oħrajn fil-gruppi ta' esperti msemmija fl-Anness I, filwaqt li tiżgura livell għoli u koerenti ta' rappreżentanza u għarfien espert;

([1]) Inkluż ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2010 dwar id-Djalogu Strutturat.

- tistabbilixxi gruppi ta' esperti fl-oqsma li ġejjin:
  - L-integrità
  - L-iżvilupp ta' ħiliet u ta' riżorsi umani fl-isport
- tistabbilixxi forom oħra ta' appoġġ għall-promozzjoni tal-iskambju tal-aħjar prattiki u tagħlim bejn il-pari, kif ukoll għall-konsolidazzjoni tal-għarfien (eż. studji);
- tipprovdi l-kontribut espert meħtieġ rigward kwistjonijiet marbuta mal-ġlieda kontra d-doping, b'mod partikolari l-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' kwalunkwe reviżjoni li jmiss tal-Kodiċi WADA Kontra d-Doping;
- tipprovdi appoġġ loġistiku u tekniku għall-ġbir u t-tixrid ta' dokumenti u informazzjoni rilevanti dwar il-politika tal-UE dwar l-isport;
- torganizza laqgħat tematiċi speċifiċi fl-oqsma ta' politika li ġew trattati b'mod estensiv permezz tal-Pjanijiet ta' Ħidma għall-Isport preċedenti u dak attwali. L-għan ta' dawn il-laqgħat huwa li jkunu diskussi l-eżiti rilevanti għall-qasam ta' politika ta' proġetti ffinanzjati mill-UE li huma ta' benefiċċju għall-isport kif ukoll li jitrawwem l-iskambju ta' prattiki tajbin u viżjonijiet dwar suġġetti speċifiċi, li jittieħed kont tal-progress li sar u li jiġu identifikati l-oqsma fejn hija meħtieġa aktar azzjoni, b'mod partikolari fl-oqsma stipulati fl-Anness I. Dawn it-tipi ta' laqgħat għandhom jiġu organizzati mill-inqas darba fis-sena.

— tiżgura segwitu għall-ħidma li saret minn Gruppi ta' Livell Għoli preċedenti stabbiliti mill-Kummissjoni dwar "Sport tal-Massa" u "Sport u d-Diplomazija";

— tiżgura segwitu għar-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Grupp ta' Esperti preċedenti dwar Governanza Tajba u tiżgura l-kontinwità dwar kwistjonijiet attwali marbuta mal-ġlieda kontra t-tbagħbis tal-logħob;

— tippromwovi r-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kompetenzi fl-isport;

— tiffaċilita d-djalogu strutturat dwar l-isport, fost l-oħrajn l-organizzazzjoni fuq bażi annwali tal-Forum tal-UE dwar l-Isport, filwaqt li tlaqqa' l-partijiet interessanti ewlenin kollha fil-livelli differenti tal-isport;

— tiżviluppa l-Ġimgħa Ewropea tal-Isport ta' kull sena u tippromwovi l-Ġimgħa tul is-sena kollha bħala għodda li tippromwovi l-parteċipazzjoni fl-isport u l-attività fiżika f'konformità mal-prijoritajiet ta' dan il-Pjan ta' Ħidma;

— tappoġġa t-temi ta' prijorità u t-temi ewlenin korrispondenti stabbiliti minn dan il-Pjan ta' Ħidma, filwaqt li jittieħed vantaġġ mill-programm Erasmus+ u programmi oħra rilevanti tal-UE, kif ukoll il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej;

— qabel tmiem l-ewwel nofs tal-2020 u fuq il-bażi ta' kontributi volontarji mill-Istati Membri, tadotta Rapport dwar l-implimentazzjoni u r-rilevanza tal-Pjan ta' Ħidma. Dan ir-Rapport ser ikun il-bażi għat-tħejjija ta' Pjan ta' Ħidma tal-UE suċċessur possibbli matul it-tieni nofs tal-2020;

— fejn xieraq, tagħmel disponibbli pubblikament ir-riżultati miksuba fl-istrutturi ta' ħidma ta' dan il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Isport u dawk preċedenti.

*ANNESS I*

**Temi ewlenin (paragrafu 12), riżultati mitlubin u strutturi ta' ħidma korrispondenti**

| Tema ewlenija | Metodu ta' ħidma/Kompiti | Eżitu u data ppjanata | Mexxej(ja) |
|---|---|---|---|
| | **Prijorità 1: L-integrità tal-isport** | | |
| *Ġlieda kontra d-doping* | *Il-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu*<br>Għandu jitħejja kontribut espert fi kwistjonijiet kontra d-doping mil-laqgħat tal-esperti u dan għandu jiġi diskuss fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Isport, b'mod partikolari l-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' kwalunkwe reviżjoni li jmiss tal-Kodiċi WADA Kontra d-Doping | *2017 - 2019*<br>— Kontribut tal-UE | *Kummissjoni u Presidenza* |
| | Tħejjija tal-pożizzjoni tal-UE u l-Istati Membri tagħha għal-laqgħat tal-CAHAMA u tal-WADA, appoġġati skont kif meħtieġ minn laqgħat tal-esperti. | *2017 - 2020*<br>— Pożizzjoni tal-UE | *Kummissjoni u Presidenza* |
| | *Seminar*<br>Modi kif jiġi evitat l-użu tad-doping miż-żgħażagħ fil-ħajja professjonali u fl-isport tal-massa. | *It-tieni nofs tal-2017*<br>— rapport<br>— skambju tal-aħjar prattika | *Presidenza* |
| *Governanza tajba* | *Grupp ta' Esperti*<br>Integrità<br>Applikazzjoni tal-istandards rikonoxxuti fuq livell internazzjonali fil-qasam tal-governanza tajba u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u inizjattivi b'mod partikolari minn barra l-isfera tal-isports li għandhom jiġu applikati fil-qasam tal-isports<br>Tbagħbis tal-logħob | *2018 - 2020*<br>— Skambju tal-aħjar prattiki<br>— Rapport | *Kummissjoni* |
| | *Il-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu*<br>Rakkomandazzjonijiet dwar azzjonijiet futuri possibbli kontra l-korruzzjoni fl-isport fuq il-livell tal-UE. | *It-tieni nofs tal-2019*<br>— (poss.) Konklużjonijiet tal-Kunsill | *Presidenza* |

| Tema ewlenija | Metodu ta' ħidma/Kompiti | Eżitu u data ppjanata | Mexxej(ja) |
|---|---|---|---|
| *Is-salvagwardja ta' minorenni* | *Studju*<br>Il-prevalenza tal-abbuż mit-tfal fl-isport | *L-ewwel nofs tal-2019*<br>— Rapport | *Kummissjoni* |
| | *Seminar*<br>Segwitu għar-Rakkomandazzjonijiet dwar il-protezzjoni ta' atleti żgħażagħ u s-salvagwardja tad-drittijiet tat-tfal fl-isport [1] | *It-tieni nofs tal-2019*<br>— Skambju ta' prattiki tajba<br>— Rapport | *Presidenza* |
| | *Il-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu*<br>Il-protezzjoni tal-integrità fiżika u morali tal-minorenni fl-isport tal-massa u sport tal-ogħla livell. | *It-tieni nofs tal-2019*<br>— (poss.) Konklużjonijiet tal-Kunsill | *Presidenza* |
| *Speċifiċità tal-isport* | *Grupp ta' Stati Membri interessati*<br>Dritt tal-UE b'rabta mal-isport u l-organizzazzjonijiet sportivi | *L-ewwel nofs tal-2019*<br>— (poss.) Rakkomandazzjonijiet/sitwazzjoni attwali | *SE, FR, ES, NL* |
| | *Seminar*<br>L-ispeċifiċità tal-isport fi ħdan l-UE | *It-tieni nofs tal-2019*<br>— Skambju ta' fehmiet<br>— Rapport | *Kummissjoni* |
| **Prijorità 2: Id-dimensjoni ekonomika tal-isport** | | | |
| *L-innovazzjoni fl-isport* | *Laqgħa Tematika*<br>Il-benefiċċji ekonomiċi tal-isport permezz ta' Kontijiet Satellita għall-Isport (SSA). L-użu prattiku ta' SSAs għal min ifassal il-politika fil-qasam tal-isport. | *L-ewwel nofs tal-2018*<br>— Skambju tal-aħjar prattiki | *Kummissjoni* |
| | *Il-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu*<br>Titqajjem kuxjenza dwar id-dimensjoni ekonomika tal-isport b'mod partikolari fir-rigward tal-Istrateġija Ewropa 2020 – b'enfasi fuq il-benefiċċji ekonomiċi tal-isport u l-innovazzjoni. | *It-tieni nofs tal-2018*<br>— (poss.) Konklużjonijiet tal-Kunsill | *Presidenza* |
| | *Konferenza*<br>Titqajjem kuxjenza dwar id-dimensjoni ekonomika tal-isport b'mod partikolari fir-rigward tal-Istrateġija Ewropa 2020 – b'enfasi fuq il-benefiċċji ekonomiċi tal-isport u l-innovazzjoni. | *It-tieni nofs tal-2018*<br>— Skambju tal-aħjar prattiki<br>— Rapport | *Presidenza* |

| Tema ewlenija | Metodu ta' ħidma/Kompiti | Eżitu u data ppjanata | Mexxej(ja) |
|---|---|---|---|
| *L-isport u s-suq uniku diġitali* | *Seminar*<br>Il-benefiċċji u l-isfidi tas-suq uniku diġitali għal finanzjament u kummerċjalizzazzjoni aħjar tal-isport | *L-ewwel nofs tal-2019*<br>— Rapport | *Presidenza* |
| **Prijorità 3: L-Isport u s-Soċjetà** | | | |
| *L-isport u l-media* | *Konferenza*<br>Ir-rwol u l-influwenza tal-media fl-isport | *L-ewwel nofs tal-2020*<br>— Rapport u l-iskambju tal-aħjar prattiki | *Presidenza* |
| | *Il-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu*<br>Ir-rwol u l-influwenza tal-media fl-isport | — (poss.) Konklużjonijiet tal-Kunsill | *Presidenza* |
| *Ir-rwol tal-kowċis* | *Il-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu*<br>Ir-rwol tal-kowċis fis-soċjetà | *It-tieni nofs tal-2017*<br>— (poss.) Konklużjonijiet tal-Kunsill | *Presidenza* |
| | *Konferenza*<br>Ir-rwol, l-istatus u r-responsabbiltà tal-kowċis fis-soċjetà. | *It-tieni nofs tal-2017*<br>— Rapport<br>— skambju tal-aħjar prattika | *Presidenza* |
| *L-edukazzjoni fl-isport u permezz tiegħu* | *Konferenza*<br>L-attività fiżika, l-isport u l-karriera doppja tal-atleta b'fokus fuq l-università u l-edukazzjoni | *It-tieni nofs tal-2017*<br>— Rapport<br>— Skambju tal-aħjar prattiki | *Presidenza* |
| | *Grupp ta' Esperti*<br>L-iżvilupp ta' ħiliet u ta' riżorsi umani fl-isport. | *2018-2020*<br>— Linji gwida | *Kummissjoni* |
| | *Seminar*<br>Kwalifiki u kompetenzi sportivi tal-kowċis | *L-ewwel nofs tal-2020*<br>— rapport | *Presidenza* |

| Tema ewlenija | Metodu ta' ħidma/Kompiti | Eżitu u data ppjanata | Mexxej(ja) |
|---|---|---|---|
| *Inklużjoni soċjali* | *Il-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu*<br>Il-promozzjoni tal-valuri Ewropej permezz tal-isport | *L-ewwel nofs tal-2018*<br>— (poss.) Konklużjonijiet tal-Kunsill | *Presidenza* |
| | *Konferenza*<br>L-isport tal-massa bħala għodda għall-integrazzjoni u pont bejn it-tradizzjoni u l-innovazzjoni | *L-ewwel nofs tal-2018*<br>— rapport | *Presidenza* |
| | *Studju*<br>Aċċess għall-isport għal persuni b'diżabbiltà. | *It-tieni nofs tal-2018*<br>— Rapport | *Kummissjoni* |
| | *Il-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu*<br>Aċċess għall-isport għal persuni b'diżabbiltà. | *L-ewwel nofs tal-2019*<br>— (poss.) Konklużjonijiet tal-Kunsill | *Presidenza* |
| | *Konferenza*<br>Il-vantaġġi li l-isport jiġi pprattikat f'ambjent organizzat għaż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet | *L-ewwel nofs tal-2019*<br>— Manwal li jiġbor l-aħjar prattiki/eżempji | *Presidenza* |
| | *Laqgħa tematika*<br>Il-promozzjoni ta' attività fiżika li ttejjeb is-saħħa | *It-tieni nofs tal-2017*<br>— Skambju tal-aħjar prattiki | *Kummissjoni* |
| *L-isport u s-saħħa* | *Seminar*<br>L-isport u l-attività fiżika fuq il-post tax-xogħol | *It-tieni nofs tal-2018*<br>— rapport | *Presidenza* |
| *L-isport u l-ambjent* | *Grupp ta' Stati Membri interessati*<br>L-iżvilupp urban, sport tal-beraħ, is-sostenibbiltà ambjentali fil-kuntest ta' avvenimenti sportivi kbar, faċilitajiet tal-isport li ma jagħmlux ħsara ambjentali u effiċjenti fl-użu tal-enerġija | *2019-2020*<br>— Skambju ta' għarfien u l-aħjar prattika<br>— Rapport | *FR, DE, PT* |

| Tema ewlenija | Metodu ta' ħidma/Kompiti | Eżitu u data ppjanata | Mexxej(ja) |
|---|---|---|---|
| *Diplomazija bl-isport* | *Studju*<br><br>*L-isport b'appoġġ għar-relazzjonijiet esterni tal-UE* | *It-tieni nofs tal-2017*<br><br>— Rakkomandazzjonijiet abbażi ta' studji ta' każijiet u prattiki tajba | *Kummissjoni* |
| | *Seminar*<br><br>Segwitu għall-Grupp ta' Livell Għoli tal-Kummissjoni, konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2016 u Seminar dwar id-Diplomazija bl-Isport | *It-tieni nofs tal-2017*<br><br>— L-istrateġija dwar it-triq 'il quddiem | *Kummissjoni* |

([1]) Grupp ta' Esperti dwar il-Governanza Tajba; "Sfidi, li t-tfal għandhom jitħarsu minnhom fl-isport", Rakkomandazzjonijiet dwar il-protezzjoni ta' atleti żgħażagħ u s-salvagwardja tad-drittijiet tat-tfal fl-isport, Lulju 2016, p. 12.

*ANNESS II*

**Prinċipji b'rabta mal-metodi ta' ħidma, l-istrutturi u r-rappurtar**

— Il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fil-ħidma tal-Gruppi ta' Esperti, il-laqgħat tematiċi u l-gruppi ta' Stati Membri interessati hija volontarja u miftuħa għall-Istati Membri kollha.

— Il-Kummissjoni ser tiżgura l-aktar parteċipazzjoni xierqa u effettiva ta' esperti minn oqsma differenti inkluż l-amministrazzjoni pubblika u l-partijiet ikkonċernati fil-qasam tal-isport.

— Ir-regoli dettaljati dwar is-sħubija u l-proċeduri ta' ħidma tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni huma koperti mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Mejju 2016 ([1]).

— Gruppi ta' Stati Membri interessati jistgħu jiddefinixxu l-metodi u l-istrutturi ta' ħidma tagħhom stess, fid-dawl tal-ħtiġijiet speċifiċi u l-eżiti mixtieqa tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tkun assoċjata mal-ħidma ta' dawn il-gruppi, kif xieraq.

— Il-Kummissjoni ser tirrapporta lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Isport fir-rigward tal-progress tal-ħidma fil-gruppi ta' esperti u l-laqgħat tematiċi rispettivi u tippreżenta r-riżultati tagħhom. Gruppi ta' Stati Membri interessati ser jinnominaw rappreżentant biex jagħmel l-istess.

— Jekk xieraq, il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Isport ser jipprovdi aktar gwida, sabiex jiġu garantiti l-eżiti u l-iskeda ta' żmien mixtieqa.

— L-aġendi tal-laqgħat u r-rapporti tal-laqgħat tal-gruppi kollha ser ikunu disponibbli għall-Istati Membri kollha, irrispettivament minn kemm jipparteċipaw f'qasam partikolari. Ir-riżultati tal-gruppi ser jiġu ppubblikati u kondiviżi fil-livell tal-UE u nazzjonali.

— Ir-riżultati mid-diversi metodi ta' ħidma ser ikunu ta' kontribut għar-rapport mill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma.

---

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 3301 finali tat-30 ta' Mejju 2016 li tistabbilixxi regoli orizzontali għall-ħolqien u l-funzjonament tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni.

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

# IL-KUNSILL

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

**tat-22 ta' Mejju 2017**

**dwar il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja u li tħassar ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja**

(2017/C 189/03)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 165 u 166 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-kwalifiki għandhom diversi skopijiet. Dawn juru lil min iħaddem x'jafu u x'kapaċi jagħmlu fil-prinċipju dawk li għandhom il-kwalifiki fil-pussess tagħhom ("l-eżiti tat-tagħlim"). Dawn jaf ikunu prerekwiżit biex wieħed jaċċessa ċertu professjonijiet regolati. Jgħinu lill-awtoritajiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ u lill-fornituri biex jiddeterminaw il-livell u l-kontenut tat-tagħlim li jkun inkiseb minn individwu. Dawn huma wkoll importanti għall-individwu bħala espressjoni ta' kisba personali. Għaldaqstant il-kwalifiki għandhom rwol importanti biex tiżdied l-impjegabbiltà, u biex jiffaċilitaw il-mobbiltà u l-aċċess għall-edukazzjoni avvanzata.

(2) Il-kwalifiki huma l-eżitu formali ta' proċess ta' valutazzjoni u validazzjoni minn awtorità kompetenti, u tipikament jieħdu l-għamla ta' dokumenti bħalma huma ċ-ċertifikati jew id-diplomi. Dawn jistabbilixxu li individwu jkun kiseb eżiti tat-tagħlim skont standards partikolari. Dawk l-eżiti tat-tagħlim jistgħu jinkisbu b'mezzi differenti f'xenarji formali, mhux formali jew informali, sew jekk f'kuntest nazzjonali jew inkella internazzjonali. Jenħtieġ li l-informazzjoni dwar l-eżiti tat-tagħlim tkun faċilment aċċessibbli u trasparenti.

(3) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja [1] sawret qafas ta' referenza komuni bi tmien livelli ta' kwalifiki, espressi bħala eżiti tat-tagħlim b'livelli dejjem ogħla ta' profiċjenza. Huma jservu ta' għodda ta' konverżjoni bejn is-sistemi differenti tal-kwalifiki u l-livelli tagħhom. Il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja (QEK) għandu l-għan li jtejjeb it-trasparenza, il-komparabbiltà u l-portabbiltà tal-kwalifiki tan-nies.

(4) L-objettivi aktar ġenerali ta' din ir-Rakkomandazzjoni huma li tikkontribwixxi għall-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u li żżid l-impjegabbiltà, il-mobbiltà u l-integrazzjoni soċjali tal-ħaddiema u ta' min jitgħallem. Din għandha wkoll l-għan li ttejjeb ir-rabta bejn it-tagħlim formali, mhux formali u informali u li tappoġġa l-validazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim li jinkisbu f'xenarji differenti.

(5) L-Istati Membri żviluppaw jew qegħdin jiżviluppaw oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki msejsa fuq l-eżiti tat-tagħlim u qed jorbtuhom mal-QEK permezz ta' proċess ta' "referenzjar". Il-livelli tal-QEK u d-deskritturi tal-eżiti tat-tagħlim jikkontribwixxu għal titjib fit-trasparenza u l-komparabbiltà tal-kwalifiki ta' sistemi nazzjonali differenti. Jikkontribwixxu wkoll għal ċaqliqa ġenerali fl-edukazzjoni u fit-taħriġ orjentata lejn l-eżiti tat-tagħlim. Jenħtieġ li r-referenzjar għall-QEK isir permezz tal-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki jew, meta dawn ma jkunux jeżistu, permezz tas-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki (minn hawn 'il quddiem "oqfsa jew sistemi nazzjonali tal-kwalifiki").

[1] ĠU C 111, 6.5.2008, p. 1.

(6) Il-kwalifiki jkunu aktar trasparenti u komparabbli jekk jiġu ppreżentati f'dokumenti li jinkludu referenza għal-livell applikabbli tal-QEK u deskrizzjoni tal-eżiti tat-tagħlim miksuba.

(7) Jenħtieġ li fl-implimentazzjoni tal-QEK fil-livell tal-Unjoni u fil-livell nazzjonali jiġu involuti firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati sabiex jiġi żgurat li jkollu appoġġ wiesa'. Il-partijiet ikkonċernati ewlenin jinkludu lil kull min jitgħallem, il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-awtoritajiet tal-kwalifiki, il-korpi responsabbli għall-assigurazzjoni tal-kwalità, min iħaddem, it-trade unions, il-kmamar tal-industrija, tal-kummerċ u tal-artiġjanat, il-korpi involuti fir-rikonoxximent tal-kwalifiki akkademiċi u professjonali, is-servizzi tal-impjiegi u s-servizzi responsabbli għall-integrazzjoni tal-migranti.

(8) Fir-rapport tagħha għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2013 dwar l-evalwazzjoni tal-QEK, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-QEK hu aċċettat b'mod ġenerali bħala punt ta' referenza fl-iżvilupp tal-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki, fl-implimentazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq l-eżiti tat-tagħlim, u fit-titjib tat-trasparenza u r-rikonoxximent tal-ħiliet u tal-kompetenzi. Dan enfasizza li jenħtieġ li l-Unjoni tagħmilha possibbli għal min jitgħallem u għall-ħaddiema biex itejbu l-viżibbiltà tal-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom irrispettivament minn fejn ikunu kisbuhom.

(9) F'dak ir-rapport il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li l-Grupp Konsultattiv dwar il-QEK ipprovda gwida effettiva għall-proċessi nazzjonali ta' referenzjar u bena fiduċja u intendiment fost il-pajjiżi parteċipanti. Ikkonkludiet ukoll li l-effettività tal-Punti ta' Koordinazzjoni Nazzjonali tal-QEK fil-biċċa l-kbira tiddependi fuq kemm għandhom rabta mill-qrib mal-governanza nazzjonali tal-proċess ta' referenzjar.

(10) Fid-dawl tal-evalwazzjoni pożittiva ta' dak il-grupp, hu kruċjali li l-Grupp Konsultattiv dwar il-QEK ikompli biex issir implimentazzjoni konsistenti, koerenti, trasparenti u kkoordinata ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

(11) It-trasparenza u r-rikonoxximent tal-ħiliet u tal-kwalifiki huma waħda mill-prijoritajiet il-ġodda tar-Rapport Konġunt tal-2015 mill-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020). Ir-rapport jenfasizza li jenħtieġ li l-QEK jiġi żviluppat aktar biex il-kwalifiki jsiru aktar trasparenti u komparabbli. B'rabta mal-migranti li jkun għadhom kif waslu, ir-rapport jisħaq ukoll dwar il-fatt li l-istrumenti eżistenti favur it-trasparenza jistgħu jgħinu biex il-kwalifiki barranin jinftiehmu aħjar fl-Unjoni, u viċi versa.

(12) Il-QEK u l-oqfsa jew is-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki li jagħmlu referenza għalih jistgħu jappoġġaw il-prattiki eżistenti għar-rikonoxximent billi jtejbu l-fiduċja, l-intendiment u l-komparabbiltà tal-kwalifiki miksuba. Dan jista' jiffaċilita l-proċess ta' rikonoxximent għall-finijiet tat-tagħlim u tax-xogħol. L-oqfsa ta' kwalifiki globali bħall-QEK jistgħu jservu ta' għodod ta' informazzjoni għall-prattiki ta' rikonoxximent kif imsemmi fir-Rakkomandazzjoni dwar l-użu tal-Oqfsa ta' Kwalifiki fir-rikonoxximent ta' kwalifiki barranin, kif adottata skont il-Konvenzjoni dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki dwar l-Edukazzjoni Għolja fir-Reġjun Ewropew.

(13) L-oqfsa u s-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki jinbidlu maż-żmien, u għalhekk jenħtieġ li r-referenzjar għall-QEK jiġi rieżaminat u aġġornat, kull meta jkun rilevanti.

(14) Il-fiduċja fil-kwalità u fil-livell tal-kwalifiki li huma parti mill-oqfsa u s-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki li jagħmlu referenza għall-QEK (minn hawn 'il quddiem "il-kwalifiki b'livell tal-QEK") hija essenzjali biex jingħata appoġġ lill-mobbiltà ta' min jitgħallem u tal-ħaddiema fi ħdan il-fruntieri ġeografiċi u settorjali u bejniethom. Fir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja, kien hemm prinċipji komuni dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità fl-edukazzjoni għolja u fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Dawn kienu jirrispettaw ir-responsabbiltà tal-Istati Membri li joħolqu arranġamenti għall-assigurazzjoni tal-kwalità li japplikaw għall-kwalifiki nazzjonali, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. L-Istandards u l-Linji Gwida għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja u l-Qafas Ewropew ta' Referenza tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali jifirxu l-pedament għal dawn il-prinċipji komuni.

(15) Il-possibbiltà li jiġi żviluppat reġistru, barra mill-qasam tal-edukazzjoni għolja, għall-korpi li jwettqu monitoraġġ tas-sistemi tal-assigurazzjoni tal-kwalità tista' tiġi esplorata.

(16) Is-sistemi ta' kreditu jistgħu jgħinu lill-individwi biex javvanzaw fit-tagħlim billi jiffaċilitaw il-perkorsi ta' tagħlim flessibbli u t-trasferiment fost diversi livelli u tipi ta' edukazzjoni u taħriġ u bejn il-fruntieri nazzjonali, biex b'hekk min jitgħallem ikun jista' jakkumula u jittrasferixxi diversi eżiti ta' tagħlim li jkun kiseb f'kuntesti differenti ta' tagħlim, inkluż tagħlim online, mhux formali u informali. L-approċċ ibbażat fuq l-eżiti tat-tagħlim jista' wkoll jiffaċilita t-tfassil, l-implimentazzjoni u l-valutazzjoni tal-kwalifiki kompluti jew tal-komponenti tal-kwalifiki.

(17) Is-sistemi ta' kreditu kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell Ewropew jaħdmu f'kuntesti istituzzjonali bħall-edukazzjoni għolja jew l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Fil-livell Ewropew, ġiet żviluppata s-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti għall-edukazzjoni għolja fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja. Għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, qed titfassal is-Sistema Ewropea ta' Kredits għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Sistema Ewropea ta' Krediti għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ECVET) ([1]). Ir-rabtiet bejn l-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki u s-sistemi ta' kreditu jistgħu jiġu promossi, fejn adatt.

(18) Filwaqt li l-acquis tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni legali u l-asil jipprevedi trattament daqs iċ-ċittadini f'dak li għandu x'jaqsam mar-rikonoxximent tal-kwalifiki u anke għal miżuri ta' faċilitazzjoni fejn jidħlu l-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali f'konformità mad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), fost iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'edukazzjoni terzjarja jippersistu rati għoljin ta' soprakwalifiki u sottoimpjiegi. Permezz tal-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-pajjiżi terzi b'rabta mat-trasparenza tal-kwalifiki, tista' titrawwem l-integrazzjoni tal-migranti fis-swieq tax-xogħol tal-Unjoni. Billi l-flussi migratorji lejn u mill-Unjoni qed jikbru, hemm bżonn li l-kwalifiki mogħtija barra mill-Unjoni jinftiehmu aħjar u jiġu rikonoxxuti b'mod aktar ġust.

(19) Il-karatteristiċi ewlenin tal-QEK, jiġifieri l-approċċ tiegħu bbażat fuq l-eżiti tat-tagħlim, id-definizzjoni tad-deskritturi tal-livell, u l-istabbiliment ta' kriterji għar-referenzjar kif żviluppati mill-Grupp Konsultattiv dwar il-QEK, kienu sors ta' ispirazzjoni għall-iżvilupp ta' oqfsa nazzjonali u reġjonali ta' kwalifiki madwar id-dinja. Kulma jmur, l-għadd ta' pajjiżi terzi u reġjuni li qed jippruvaw iqarrbu l-qafas tal-kwalifiki tagħhom lejn il-QEK qed jiżdied.

(20) Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) tistipula li jistgħu jiġu stabbiliti oqfsa komuni ta' taħriġ għal professjonijiet regolati permezz ta' att delegat tal-Kummissjoni bħala sett komuni ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi. L-oqfsa komuni ta' taħriġ għandhom ikunu bbażati fuq il-livelli tal-QEK. Ir-referenza għal-livelli tal-QEK dwar il-kwalifiki ma għandhiex taffettwa l-aċċess għas-suq tax-xogħol meta jkunu ġew rikonoxxuti kwalifiki professjonali f'konformità mad-Direttiva 2005/36/KE.

(21) Il-Qafas tal-Kwalifiki taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja jipprevedi deskritturi għaċ-ċiklu qasir (li jistgħu jkunu fi ħdan l-ewwel ċiklu jew marbutin miegħu), għall-ewwel, it-tieni u t-tielet ċiklu tal-edukazzjoni għolja. Kull deskrittur taċ-ċiklu fih dikjarazzjoni dwar il-kisbiet u l-kapaċitajiet assoċjati mal-kwalifiki mogħtija fi tmiem dak iċ-ċiklu. Il-QEK hu kompatibbli mal-qafas tal-kwalifiki taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja u mad-deskritturi taċ-ċikli tiegħu. Iċ-ċiklu qasir (li jista' jkun fi ħdan l-ewwel ċiklu jew marbut miegħu), l-ewwel, it-tieni u t-tielet ċiklu tal-qafas tal-kwalifiki taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja jikkorrispondu għal-livelli 5-8 tal-QEK, rispettivament.

(22) Id-Deċiżjoni 2241/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) tgħin lin-nies jippreżentaw il-ħiliet, il-kompetenzi u l-kwalifiki tagħhom aħjar.

(23) Il-Kummissjoni qed tiżviluppa Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjiegi (ESCO). Jekk tintuża fuq bażi volontarja, din tista' tappoġġa titjib fir-rabta bejn l-edukazzjoni u l-impjiegi. Id-data żviluppata mill-Istati Membri fil-kuntest tal-QEK tista' sservi bħala kontribut għal din il-klassifikazzjoni.

(24) Jenħtieġ li jkun hemm informazzjoni faċilment aċċessibbli għall-pubbliku dwar il-proċess tar-referenzjar tal-oqfsa jew is-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki għall-QEK u dwar il-kwalifiki b'livell tal-QEK. L-użu ta' strutturi u formati komuni tad-data għandu jgħin biex jintlaħaq dan l-objettiv. Dan għandu jiffaċilita l-intendiment u l-użu tal-informazzjoni ppubblikata dwar il-kwalifiki.

(25) Fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni jenħtieġ li jkun hemm koerenza, komplementarjetà u sinerġiji bejn l-implimentazzjoni tal-QEK, l-oqfsa jew is-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki u l-għodod dwar it-trasparenza u r-rikonoxximent tal-ħiliet, il-kompetenzi u l-kwalifiki, inkluż dawk għall-assigurazzjoni tal-kwalità, l-akkumulazzjoni u t-trasferimenti tal-krediti u l-għodod żviluppati fil-kuntest taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja dwar it-trasparenza u r-rikonoxximent ta' ħiliet, kompetenzi u kwalifiki.

(1) ĠU C 155, 8.7.2009, p. 11.
(2) Id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU L 337, 20.12.2011, p. 9).
(3) Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).
(4) Id-Deċiżjoni Nru 2241/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar qafas Komunitarju waħdieni għat-trasparenza tal-kwalifiki u tal-kompetenzi (Europass) (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 6).

(26) Jenħtieġ li l-iżvilupp tal-QEK ikun kompletament koerenti mal-kooperazzjoni Ewropea eżistenti fl-edukazzjoni u fit-taħriġ skont il-qafas strateġiku ET 2020 u oqfsa strateġiċi Ewropej futuri dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ.

(27) Din ir-Rakkomandazzjoni la tissostitwixxi u lanqas ma tiddefinixxi l-oqfsa jew is-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki. Il-QEK ma jiddeskrivix kwalifiki speċifiċi jew il-kompetenzi ta' individwu u jenħtieġ li l-kwalifiki partikolari jkollhom referenza għal-livell adatt tal-QEK permezz tas-sistemi nazzjonali rilevanti tal-kwalifiki.

(28) Din ir-Rakkomandazzjoni tikkonsolida l-QEK bħala qafas ta' referenza komuni bi tmien livelli espressi bħala eżiti tat-tagħlim, li jservu bħala għodda ta' konverżjoni bejn l-oqfsa jew is-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki differenti u l-livelli tagħhom.

(29) Fid-dawl tan-natura mhux vinkolanti tagħha, din ir-Rakkomandazzjoni tikkonforma mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità billi tappoġġa u tissupplimenta l-attivitajiet tal-Istati Membri billi tiffaċilita aktar kooperazzjoni bejniethom sabiex jiżdiedu t-trasparenza, il-komparabbiltà u l-portabbiltà tal-kwalifiki tan-nies. Jenħtieġ li din tiġi implimentata f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali,

B'DAN JIRRAKKOMANDA LI, SKONT IĊ-ĊIRKOSTANZI NAZZJONALI, L-ISTATI MEMBRI:

1. Jużaw il-QEK biex jirreferenzjaw l-oqfsa jew is-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki u biex iqabblu t-tipi u l-livelli kollha tal-kwalifiki fl-Unjoni li huma parti mill-oqfsa jew is-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki, b'mod partikolari billi jirreferenzjaw il-livelli tal-kwalifiki tagħhom għal-livelli tal-QEK stabbiliti fl-Anness II u billi jużaw il-kriterji stabbiliti fl-Anness III.

2. Fejn rilevanti, iwettqu rieżami u jaġġornaw ir-referenzjar tal-livelli tal-oqfsa jew is-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki għal-livelli tal-QEK stabbiliti fl-Anness II u billi jużaw il-kriterji stabbiliti fl-Anness III, bl-attenzjoni dovuta għall-kuntest nazzjonali.

3. Jiżguraw li l-kwalifiki b'livell tal-QEK jikkonformaw mal-prinċipji komuni għall-assigurazzjoni tal-kwalità stabbiliti fl-Anness IV, mingħajr preġudizzju għall-prinċipji nazzjonali tal-assigurazzjoni tal-kwalità li jkunu japplikaw għall-kwalifiki nazzjonali.

4. Fejn adatt, jippromwovu rabtiet bejn sistemi ta' kreditu u oqfsa jew sistemi nazzjonali tal-kwalifiki b'kont meħud tal-prinċipji komuni dwar is-sistemi ta' kreditu stabbiliti fl-Anness V, mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet nazzjonali (i) biex isir użu mis-sistemi ta' kreditu u (ii) biex issir korrelazzjoni bejnhom u l-oqfsa jew is-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki. Dawk il-prinċipji komuni mhumiex ser iwasslu għal rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki.

5. Fejn adatt, jieħdu miżuri, sabiex id-dokumenti tal-kwalifiki kollha li jkunu għadhom kif inħarġu mill-awtoritajiet kompetenti (eż. ċertifikati, diplomi, supplimenti għaċ-ċertifikati, supplimenti għad-diplomi), u/jew ir-reġistri tal-kwalifiki jkun fihom referenza ċara għal-livell adatt tal-QEK.

6. Jippubblikaw ir-riżultati tal-proċess ta' referenzjar kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-Unjoni u, fejn possibbli, jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-kwalifiki u l-eżiti tat-tagħlim tagħhom tkun aċċessibbli u ppubblikata, bl-użu tal-ispazji riservati għad-data f'konformità mal-Anness VI.

7. Iħeġġu l-użu tal-QEK mis-sħab soċjali, is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, il-fornituri tal-edukazzjoni, il-korpi responsabbli għall-assigurazzjoni tal-kwalità u l-awtoritajiet pubbliċi biex jappoġġaw it-tqabbil tal-kwalifiki u t-trasparenza tal-eżiti tat-tagħlim.

8. Jiżguraw il-kontinwità u l-koordinazzjoni tal-kompiti implimentati mill-Punti ta' Koordinazzjoni Nazzjonali tal-QEK (PKN tal-QEK). Il-kompiti ewlenin tal-PKN tal-QEK huma li jappoġġaw lill-awtoritajiet nazzjonali fir-referenzjar tal-oqfsa jew is-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki għall-QEK u biex il-QEK titqarreb aktar lejn l-individwi u l-organizzazzjonijiet,

B'DAN JIRRAKKOMANDA LI L-KUMMISSJONI, F'KOOPERAZZJONI MAL-ISTATI MEMBRI U L-PARTIJIET IKKONĊERNATI FI ĦDAN IL-GRUPP KONSULTATTIV DWAR IL-QEK:

9. Tappoġġa l-konsistenza fl-implimentazzjoni ulterjuri tal-QEK fost l-Istati Membri permezz ta' tqabbil ta' u diskussjoni dwar il-metodoloġiji li jintużaw biex jiġu stabbiliti livelli ta' kwalifiki f'oqfsa jew sistemi nazzjonali tal-kwalifiki, b'attenzjoni dovuta għall-kuntesti nazzjonali.

10. B'kont meħud tal-kuntesti nazzjonali, tappoġġa l-iżvilupp ta' metodoloġiji għad-deskrizzjoni, l-użu u l-applikazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim sabiex iżżid it-trasparenza u l-intendiment u l-komparabbiltà tal-kwalifiki.

11. Tappoġġa l-istabbiliment ta' proċeduri volontarji dwar l-istabbiliment ta' livelli ta' kwalifiki internazzjonali permezz ta' oqfsa jew sistemi nazzjonali tal-kwalifiki u l-iskambju ta' informazzjoni u l-konsultazzjoni bejn l-Istati Membri dwar dawk il-proċeduri biex tiġi żgurata l-konsistenza.

12. Tiżviluppa gwida għal komunikazzjoni dwar il-QEK, b'mod partikolari dwar kif għandhom jiġu ppreżentati l-livelli tal-QEK fuq iċ-ċertifikati, id-diplomi u s-supplimenti li jkunu għadhom kif inħarġu, u/jew fuq ir-reġistri tal-kwalifiki, f'konformità mas-sistemi u r-regolamenti nazzjonali dwar iċ-ċertifikati u d-diplomi.

13. Tesplora l-possibbiltajiet għall-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' kriterji u proċeduri li, f'konformità ma' ftehimiet internazzjonali, jippermettu li jsir tqabbil bejn l-oqfsa nazzjonali u reġjonali tal-kwalifiki ta' pajjiżi terzi u l-QEK.

14. Tistabbilixxi tagħlim bejn il-pari u skambji tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri u, fejn adatt, tiffaċilita l-għoti ta' konsulenza bejn il-pari fuq talba mill-Istati Membri,

B'DAN JIRRAKKOMANDA LI L-KUMMISSJONI:

15. Tiżgura li l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni tiġi appoġġata minn azzjonijiet iffinanzjati minn programmi rilevanti tal-Unjoni.

16. Tiżgura governanza effettiva tal-implimentazzjoni tal-QEK billi żżomm u tappoġġa b'mod sħiħ il-Grupp Konsultattiv dwar il-QEK li ġie stabbilit fl-2009 u li hu magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri u pajjiżi parteċipanti oħrajn, is-sħab soċjali u partijiet ikkonċernati oħrajn, kif adatt. Jenħtieġ li l-Grupp Konsultattiv dwar il-QEK jiżgura koerenza ġenerali u jippromwovi t-trasparenza u l-fiduċja fil-proċess ta' referenzjar tal-oqfsa jew is-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki nazzjonali għall-QEK.

17. Tirrapporta dwar il-progress li jkun sar wara l-adozzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, kif adatt, fil-kuntest tal-oqfsa rilevanti tal-politika dwar l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjiegi.

18. F'kooperazzjoni mal-Istati Membri u wara li tikkonsulta l-partijiet konċernati, tivvaluta u tevalwa l-azzjoni meħuda b'rispons għal din ir-Rakkomandazzjoni, u sal-2022 tirrapporta lill-Kunsill dwar l-esperjenza miksuba u l-implikazzjonijiet għall-futur, inkluż, rieżami jew reviżjoni possibbli tar-Rakkomandazzjoni, fejn dan ikun meħtieġ.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja, tħassret.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Mejju 2017.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. BARTOLO

*ANNESS I*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) *"kwalifika"* tfisser eżitu formali ta' proċess ta' valutazzjoni u ta' validazzjoni li jinkiseb meta awtorità kompetenti tiddetermina li l-individwu jkun kiseb eżiti tat-tagħlim li jilħqu standards partikolari;

(b) *"sistema nazzjonali tal-kwalifiki"* tfisser l-aspetti kollha tal-attività ta' Stat Membru relatati mar-rikonoxximent tat-tagħlim u mekkaniżmi oħra li jorbtu l-edukazzjoni u t-taħriġ mas-suq tax-xogħol u mas-soċjetà ċivili. Din tinkludi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' arranġamenti u proċessi istituzzjonali relatati mal-assigurazzjoni tal-kwalità, mal-valutazzjoni u mal-għoti tal-kwalifiki. Sistema nazzjonali tal-kwalifiki tista' tkun magħmula minn diversi sottosistemi u tista' tinkludi qafas nazzjonali tal-kwalifiki;

(c) *"qafas nazzjonali tal-kwalifiki"* tfisser strument għall-klassifikazzjoni tal-kwalifiki skont sett ta' kriterji għal livelli speċifikati ta' tagħlim miksub, li għandu l-għan li jintegra u jikkoordina s-sottosistemi nazzjonali tal-kwalifiki u li jtejjeb it-trasparenza, l-aċċess, il-progress u l-kwalità tal-kwalifiki b'rabta mas-suq tax-xogħol u s-soċjetà ċivili;

(d) *"kwalifika internazzjonali"* tfisser kwalifika mogħtija minn korp internazzjonali stabbilit legalment (assoċjazzjoni, organizzazzjoni, settur jew kumpannija) jew minn korp nazzjonali li jaġixxi f'isem korp internazzjonali li jintuża f'aktar minn pajjiż wieħed, u li jinkludi eżiti tat-tagħlim ivvalutati b'referenza għal standards stabbiliti minn korp internazzjonali;

(e) *"eżiti tat-tagħlim"* tfisser dikjarazzjonijiet ta' dak li jaf, jifhem u jkun kapaċi jagħmel min jitgħallem ladarba jtemm il-proċess tat-tagħlim, li huma ddefiniti f'termini ta' għarfien, ħiliet u responsabbiltà u awtonomija;

(f) *"għarfien"* tfisser l-eżitu tal-assimilazzjoni tal-informazzjoni permezz tat-tagħlim. L-għarfien hu ġabra ta' fatti, prinċipji, teoriji u prattiki li jkunu relatati ma' qasam ta' xogħol jew ta' studju. Fil-kuntest tal-QEK, l-għarfien jiġi deskritt bħala teoretiku u/jew fattwali;

(g) *"ħiliet"* tfisser il-kapaċità li wieħed japplika l-għarfien u li juża dak li jaf biex iwettaq kompiti u jsolvi problemi. Fil-kuntest tal-QEK, il-ħiliet jiġu deskritti bħala konjittivi (peress li jinvolvu l-użu tal-loġika, l-intwizzjoni u l-ħsieb kreattiv) jew prattiċi (peress li jinvolvu l-kapaċità manwali u l-użu ta' metodi, materjal, għodda u strumenti);

(h) *"responsabbiltà u awtonomija"* tfisser il-kapaċità ta' min jitgħallem li japplika l-għarfien u l-ħiliet b'mod awtonomu u b'responsabbiltà;

(i) *"kompetenza"* tfisser il-ħila manifestata li wieħed juża l-għarfien, il-ħiliet u l-kapaċitajiet personali, soċjali u/jew metodoloġiċi, f'sitwazzjonijiet ta' xogħol jew studju u fl-iżvilupp professjonali u personali;

(j) *"validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali"* tfisser il-proċess ta' konferma minn awtorità kompetenti li individwu jkun kiseb eżiti tat-tagħlim f'xenarji ta' tagħlim mhux formali u informali mkejla skont standard rilevanti u li jikkonsisti minn dawn l-erba' fażijiet distinti li ġejjin: l-identifikazzjoni permezz ta' djalogu tal-esperjenzi partikolari ta' individwu, dokumentazzjoni li turi l-esperjenzi tal-individwu, valutazzjoni formali ta' dawk l-esperjenzi u ċertifikazzjoni tar-riżultati tal-valutazzjoni li tista' twassal għal kwalifika parzjali jew sħiħa;

(k) *"rikonoxximent formali tal-eżiti tat-tagħlim"* tfisser il-proċess tal-għoti ta' status uffiċjali minn awtorità kompetenti għal eżiti tat-tagħlim miksuba għall-finijiet ta' studji ulterjuri jew ta' impjieg, permezz ta' (i) l-għoti ta' kwalifiki (ċertifikati, diplomi jew titoli), (ii) il-validazzjoni ta' tagħlim mhux formali u informali, (iii) l-għoti ta' ekwivalenza, kreditu jew eżenzjonijiet;

(l) *"kreditu"* tfisser konferma li parti minn kwalifika, li tkun tikkonsisti minn sett koerenti ta' eżiti tat-tagħlim, tkun ġiet ivvalutata u vvalidata minn awtorità kompetenti, skont standard maqbul; il-kreditu jingħata minn awtoritajiet kompetenti meta l-individwu jkun kiseb l-eżiti tat-tagħlim definiti, kif attestat minn valutazzjonijiet xierqa u jistgħu jiġu espressi b'valur kwantitattiv (eż. krediti jew punti ta' kreditu) li juri stima tal-ħidma tipikament meħtieġa minn individwu biex jikseb l-eżiti tat-tagħlim relatati;

(m) *"sistemi ta' kreditu"* tfisser għodda ta' trasparenza biex jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent ta' kreditu/i. Fost l-oħrajn, dawn is-sistemi jistgħu jinkludu ekwivalenzi, eżenzjonijiet, unitajiet/moduli li jistgħu jiġu akkumulati u ttrasferiti, l-awtonomija tal-fornituri li jistgħu jindividwalizzaw il-perkorsi u l-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali;

(n) *"trasferiment tal-krediti"* tfisser il-proċess li bih individwu jkun jista' jakkumula l-krediti f'kuntest partikolari u dawn jiġu vvalutati u rikonoxxuti f'kuntest ieħor.

*ANNESS II*

**Deskritturi li jiddefinixxu l-livelli tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK)**

Kull wieħed mit-8 livelli huwa definit b'sett ta' deskritturi li jindikaw l-eżiti tat-tagħlim rilevanti għall-kwalifiki f'dak il-livell fi kwalunkwe sistema tal-kwalifiki.

| | Għarfien | Ħiliet | Responsabbiltà u awtonomija |
|---|---|---|---|
| | Fil-kuntest tal-QEK, l-għarfien jiġi deskritt bħala teoretiku u/jew fattwali. | Fil-kuntest tal-QEK, il-ħiliet jiġu deskritti bħala konjittivi (peress li jinvolvu l-użu tal-loġika, l-intwizzjoni u l-ħsieb kreattiv) u prattiċi (peress li jinvolvu l-kapaċità manwali u l-użu ta' metodi, materjal, għodda u strumenti). | Fil-kuntest tal-QEK, ir-responsabbiltà u l-awtonomija jiġu deskritti bħala l-kapaċità ta' min jitgħallem li japplika l-għarfien u l-ħiliet b'mod awtonomu u b'responsabbiltà |
| Livell 1<br>L-eżiti tat-tagħlim rilevanti għal-Livell 1 huma | għarfien ġenerali bażiku | ħiliet bażiċi meħtieġa għat-twettiq ta' kompiti sempliċi | xogħol jew studju taħt superviżjoni diretta f'kuntest strutturat |
| Livell 2<br>L-eżiti tat-tagħlim rilevanti għal-Livell 2 huma | għarfien fattwali bażiku dwar qasam ta' xogħol jew studju | ħiliet konjittivi u prattiċi bażiċi meħtieġa biex l-informazzjoni rilevanti tintuża biex jitwettqu kompiti u jissolvew problemi ta' rutina permezz tal-użu ta' regoli u għodod sempliċi | xogħol jew studju taħt superviżjoni iżda b'ċerta awtonomija |
| Livell 3<br>L-eżiti tat-tagħlim rilevanti għal-Livell 3 huma | għarfien tal-fatti, il-prinċipji, il-proċessi u l-kunċetti ġenerali, f'qasam ta' xogħol jew studju | firxa ta' ħiliet konjittivi u prattiċi meħtieġa biex jitwettqu kompiti u jissolvew problemi billi jintgħażlu u jitħaddmu metodi, għodod, materjal u informazzjoni bażiċi | teħid ta' responsabbiltà għat-twettiq ta' kompiti fix-xogħol jew fl-istudju<br>adattament tal-imġiba personali għaċ-ċirkostanzi biex jissolvew il-problemi |
| Livell 4<br>L-eżiti tat-tagħlim rilevanti għal-Livell 4 huma | għarfien fattwali u teoretiku f'kuntesti wesgħin f'qasam ta' xogħol jew studju | firxa tal-ħiliet konjittivi u prattiċi meħtieġa biex jinstabu soluzzjonijiet għal problemi speċifiċi f'qasam ta' xogħol jew studju | kapaċità li wieħed imexxi lilu nnifsu skont il-linji gwida tal-kuntesti tax-xogħol jew tal-istudju li ħafna drabi jkunu prevedibbli, iżda jistgħu jinbidlu<br>superviżjoni tax-xogħol ta' rutina ta' ħaddieħor, filwaqt li tittieħed ċerta responsabbiltà għall-evalwazzjoni u t-titjib ta' attivitajiet tax-xogħol jew tal-istudju |

| | Għarfien | Ħiliet | Responsabbiltà u awtonomija |
|---|---|---|---|
| Livell 5 (*)<br><br>L-eżiti tat-tagħlim rilevanti għal-Livell 5 huma | għarfien komprensiv, speċjalizzat, fattwali u teoretiku f'qasam ta' xogħol jew studju u fehim tal-limiti ta' dak l-għarfien | firxa komprensiva tal-ħiliet konjittivi u prattiċi meħtieġa biex jiġu żviluppati soluzzjonijiet kreattivi għal problemi astratti | kapaċità ta' tmexxija u superviżjoni f'kuntesti ta' attivitajiet ta' xogħol jew studju li jinbidlu b'mod imprevedibbli<br><br>rieżami u żvilupp tal-prestazzjoni personali u ta' persuni oħrajn |
| Livell 6 (**)<br><br>L-eżiti tat-tagħlim rilevanti għal-Livell 6 huma | għarfien avvanzat ta' qasam ta' xogħol jew studju, li jinvolvi fehim kritiku ta' teoriji u prinċipji | ħiliet avvanzati li juru ħakma tas-suġġett u innovazzjoni, li huma meħtieġa biex jiġu solvuti problemi kumplessi u imprevedibbli f'qasam ta' xogħol jew studju speċjalizzat | kapaċità li wieħed imexxi attivitajiet jew proġetti tekniċi jew professjonali kumplessi, filwaqt li jieħu responsabbiltà għat-teħid ta' deċiżjonijiet f'kuntesti ta' xogħol jew studju imprevedibbli<br><br>teħid ta' responsabbiltà għat-tmexxija tal-iżvilupp professjonali ta' individwi u gruppi |
| Livell 7 (***)<br><br>L-eżiti tat-tagħlim rilevanti għal-Livell 7 huma | għarfien speċjalizzat ferm, li parti minnu tkun fost l-aktar prominenti f'qasam ta' xogħol jew studju, li fuqu jissejsu l-ħsieb u/jew ir-riċerka oriġinali<br><br>moħħ kritiku b'rabta ma' kwistjonijiet ta' għarfien f'qasam partikolari u fl-interfaċċa bejn oqsma differenti | ħiliet speċjalizzati fir-riżoluzzjoni ta' problemi li huma meħtieġa fir-riċerka u/jew fl-innovazzjoni biex jiġu żviluppati għarfien u proċeduri ġodda u biex jiġi integrat l-għarfien minn oqsma differenti | tmexxija u t-trasformazzjoni ta' kuntesti ta' xogħol jew studju li huma kumplessi, imprevedibbli u li jeħtieġu approċċi strateġiċi ġodda<br><br>teħid ta' responsabbiltà għall-kontribut mogħti lill-għarfien u l-prattika professjonali u/jew għarrieżami tal-prestazzjoni strateġika tat-timijiet |
| Livell 8 (****)<br><br>L-eżiti tat-tagħlim rilevanti għal-Livell 8 huma | għarfien mill-aktar avvanzat f'qasam ta' xogħol jew studju u fl-interfaċċa bejn żewġ oqsma | l-aktar ħiliet u tekniki avvanzati u speċjalizzati, inklużi s-sinteżi u l-evalwazzjoni, meħtieġa biex tinstab soluzzjoni għal problemi kritiċi fir-riċerka u/jew fl-innovazzjoni u biex jitwessgħu u jissawru mill-ġdid l-għarfien jew il-prattiki professjonali eżistenti | turija ta' ammont sostanzjali ta' awtorità, innovazzjoni, awtonomija, integrità akkademika u professjonali u impenn sostnut favur l-iżvilupp ta' ideat jew proċessi ġodda bħala prijorità f'kuntesti ta' xogħol jew studju, inkluża r-riċerka |

Kompatibbiltà mal-Qafas tal-Kwalifiki taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja

Il-Qafas tal-Kwalifiki taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja jipprevedi deskritturi għal tliet ċikli maqbula mill-Ministri responsabbli għall-edukazzjoni għolja waqt il-laqgħa li kellhom f'Bergen f'Mejju 2005 fil-kuntest tal-proċess ta' Bolonja. Kull deskrittur taċ-ċiklu jagħti dikjarazzjoni ġenerika tal-aspettattivi tipiċi tal-kisbiet u tal-kapaċitajiet assoċjati mal-kwalifiki li jirrappreżentaw it-tmiem ta' dak iċ-ċiklu.

(*) Id-deskrittur għaċ-ċiklu qasir żviluppat mill-Inizjattiva Konġunta dwar il-Kwalità bħala parti mill-proċess ta' Bolonja, (li jista' jkun fi ħdan l-ewwel ċiklu jew marbut miegħu), jikkorrispondi għall-eżiti tat-tagħlim għal-livell 5 tal-QEK.

(**) Id-deskrittur għall-ewwel ċiklu jikkorrispondi għall-eżiti tat-tagħlim għal-livell 6 tal-QEK.

(***) Id-deskrittur għat-tieni ċiklu jikkorrispondi għall-eżiti tat-tagħlim għal-livell 7 tal-QEK.

(****) Id-deskrittur għat-tielet ċiklu jikkorrispondi għall-eżiti tat-tagħlim għal-livell 8 tal-QEK.

*ANNESS III*

**Kriterji u proċeduri għar-referenzjar tal-oqfsa jew is-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki għall-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK)**

1. Ir-responsabbiltajiet u/jew il-kompetenza legali ta' kull korp nazzjonali rilevanti involut fil-proċess tar-referenzjar ġew stabbiliti b'mod ċar u ppubblikati mill-awtoritajiet kompetenti.

2. Hemm rabta ċara u evidenti bejn il-livelli tal-kwalifiki fl-oqfsa jew is-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki u d-deskritturi tal-livelli tal-QEK.

3. L-oqfsa jew is-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki u l-kwalifiki tagħhom huma bbażati fuq il-prinċipju u l-objettiv tal-eżiti tat-tagħlim u marbuta mal-arranġamenti għall-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali u, fejn adatt, mas-sistemi ta' kreditu.

4. Il-proċeduri għall-inklużjoni tal-kwalifiki fil-qafas nazzjonali tal-kwalifiki jew biex jiġi deskritt il-post fejn ingħataw il-kwalifiki fis-sistema nazzjonali tal-kwalifiki, huma trasparenti.

5. Is-sistema/i nazzjonali tal-assigurazzjoni tal-kwalità għall-edukazzjoni u t-taħriġ tirreferi/jirreferu għall-oqfsa jew is-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki u huma konsistenti mal-prinċipji marbutin mal-assigurazzjoni tal-kwalità kif jispeċifika l-Anness IV għal din ir-Rakkomandazzjoni.

6. Il-proċess tar-referenzjar għandu jinkludi l-ftehim imsemmi tal-korpi rilevanti responsabbli għall-assigurazzjoni tal-kwalità li r-rapport tar-referenzjar huwa konsistenti mal-arranġamenti, id-dispożizzjonijiet u l-prattika nazzjonali rilevanti dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità.

7. Il-proċess tar-referenzjar għandu jinvolvi esperti internazzjonali u r-rapporti tar-referenzjar għandu jkun fihom dikjarazzjoni bil-miktub ta' mill-inqas żewġ esperti internazzjonali minn żewġ pajjiżi differenti dwar il-proċess tar-referenzjar.

8. L-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiċċertifikaw ir-riferenza tal-oqfsa jew is-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki mal-QEK. L-awtoritajiet kompetenti, inkluż il-Punti ta' Koordinazzjoni Nazzjonali tal-QEK, għandhom jippubblikaw rapport komprensiv li jiddeskrivi r-referenzjar u jagħti l-evidenza li ssostnih, u dan ir-rapport għandu jindirizza kull wieħed mill-kriterji, separatament. Dan l-istess rapport jista' jintuża għall-awtoċertifikazzjoni mal-Qafas tal-Kwalifiki taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja, f'konformità mal-kriterji dwar l-awtoċertifikazzjoni ta' dan il-Qafas.

9. Fi żmien 6 xhur mir-referenzjar jew l-aġġornament tar-rapport tar-referenzjar, l-Istati Membri u pajjiżi parteċipanti oħra għandhom jippubblikaw ir-rapport tar-referenzjar u jipprovdu informazzjoni rilevanti għall-finijiet ta' tqabbil fuq il-portal Ewropew rilevanti.

10. Wara l-proċess tar-referenzjar, id-dokumenti kollha li jkunu għadhom kif inħarġu li jkunu relatati mal-kwalifiki li huma parti mill-oqfsa jew is-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki (eż. ċertifikati, diplomi, supplimenti għaċ-ċertifikati, supplimenti għad-diplomi) u/jew ir-reġistri tal-kwalifiki li joħorġu mill-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jinkludu referenza ċara, permezz tal-oqfsa jew is-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki, għal-livell adatt tal-QEK.

*ANNESS IV*

**Il-prinċipji tal-assigurazzjoni tal-kwalità għal kwalifiki li huma parti mill-oqfsa jew is-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki li jagħmlu referenza għall-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK)**

Jenħtieġ li kull kwalifika b'livell tal-QEK tiġi soġġetta għal assigurazzjoni tal-kwalità biex tissaħħaħ il-fiduċja fil-kwalità u fil-livell tal-kwalifiki.

F'konformità maċ-ċirkostanzi nazzjonali u b'kont meħud tad-differenzi settorjali, jenħtieġ li l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-kwalifiki b'livell tal-QEK ([1]) ([2]):

1. tindirizza t-tfassil tal-kwalifiki kif ukoll l-applikazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq l-eżiti tat-tagħlim;
2. tiżgura valutazzjoni valida u affidabbli skont standards maqbula u trasparenti bbażati fuq l-eżiti tat-tagħlim u tindirizza l-proċess taċ-ċertifikazzjoni;
3. tikkonsisti minn mekkaniżmi ta' rispons u proċeduri għal titjib kontinwu;
4. tinvolvi lill-partijiet ikkonċernata rilevanti kollha f'kull stadju tal-proċess;
5. tikkonsisti f'metodi ta' evalwazzjoni konsistenti, li jassoċjaw l-awtovalutazzjoni u r-rieżami estern;
6. tkun parti integrali mill-ġestjoni interna, inkluż l-attivitajiet sottokuntrattati, tal-korpi li joħorġu l-kwalifiki b'livell tal-QEK;
7. tkun ibbażata fuq objettivi, standards u linji gwida ċari u li jistgħu jitkejlu;
8. tkun appoġġata b'riżorsi xierqa;
9. tinkludi rieżami regolari ta' korpi jew aġenziji ta' monitoraġġ esterni eżistenti, li jwettqu l-assigurazzjoni tal-kwalità;
10. tinkludi l-aċċessibbiltà elettronika tar-riżultati tal-evalwazzjoni.

([1]) Dawn il-prinċipji komuni huma kompatibbli għalkollox mal-Istandards u l-Linji Gwida Ewropej (ESG) għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja u mal-Qafas Ewropew ta' Referenza tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-ETV (EQAVET).

([2]) Skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali, dawn il-prinċipji ma jistgħux japplikaw għall-edukazzjoni ġenerali.

*ANNESS V*

**Prinċipji għas-sistemi ta' kreditu relatati mal-oqfsa jew is-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki li jagħmlu referenza għall-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK)** ([1])

Permezz tal-użu tal-approċċ ibbażat fuq l-eżiti tat-tagħlim, jenħtieġ li l-QEK u l-oqfsa jew is-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki jappoġġaw aħjar lill-individwi meta jiġu biex jiċċaqalqu (i) bejn il-livelli differenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ, (ii) fis-setturi tal-edukazzjoni u t-taħriġ u bejniethom, (iii) mill-edukazzjoni u t-taħriġ għas-suq tax-xogħol u (iv) fil-pajjiż u barra mill-pajjiż. Mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet nazzjonali biex (i) isir użu mis-sistemi ta' kreditu u (ii) biex issir korrelazzjoni bejnhom u l-oqfsa jew is-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki, jenħtieġ li fejn xieraq, is-sistemi ta' kreditu differenti jaħdmu flimkien ma' oqfsa jew sistemi nazzjonali tal-kwalifiki biex jappoġġaw it-transizzjonijiet u jiffaċilitaw il-progress. Għal dan il-għan jenħtieġ li, fejn xieraq, is-sistemi ta' kreditu marbuta mal-oqfsa jew is-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki, jirrispettaw il-prinċipji li ġejjin:

1. Jenħtieġ li s-sistemi ta' kreditu jappoġġaw perkorsi ta' tagħlim flessibbli, għall-ġid tal-individwi li qegħdin jitgħallmu.

2. Waqt it-tfassil u l-iżvilupp tal-kwalifiki, jenħtieġ li l-approċċ ibbażat fuq l-eżiti tat-tagħlim jintuża sistematikament biex jiffaċilita t-trasferiment ta' (komponenti ta') kwalifiki u l-progress fit-tagħlim.

3. Jenħtieġ li s-sistemi ta' kreditu jiffaċilitaw it-trasferiment tal-eżiti tat-tagħlim u l-progress ta' min jitgħallem lil hinn mill-fruntieri istituzzjonali u nazzjonali.

4. Jenħtieġ li s-sistemi ta' kreditu jissejsu fuq assigurazzjoni tal-kwalità espliċita u trasparenti.

5. Jenħtieġ li l-kreditu li jinkiseb minn individwu jiġi dokumentat, filwaqt li jissemmew l-eżiti tat-tagħlim miksuba, l-isem tal-istituzzjoni kompetenti għall-għoti tal-kreditu u, fejn rilevanti, il-valur relatat tal-kreditu.

6. Jenħtieġ li s-sistemi tal-akkumulazzjoni u t-trasferiment tal-krediti jfittxu sinerġiji mal-arranġamenti għall-validazzjoni tat-tagħlim preċedenti, filwaqt li flimkien jaħdmu biex jiffaċilitaw u jippromwovu t-trasferiment u l-progress.

7. Jenħtieġ li s-sistemi ta' kreditu jiġu żviluppati u mtejba permezz ta' kooperazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni li jkun xieraq.

---

([1]) Dawn il-prinċipji komuni huma kompatibbli għalkollox mas-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti (ECTS) u s-Sistema Ewropea ta' Kredits għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ECVET).

*ANNESS VI*

**Elementi għal spazji riservati għad-data għall-pubblikazzjoni elettronika ta' informazzjoni dwar kwalifiki b'livell tal-QEK**

| DATA | | | Meħtieġa/ Fakultattiva |
|---|---|---|---|
| Titlu tal-kwalifika | | | Meħtieġa |
| Qasam (*) | | | Meħtieġa |
| Pajjiż/Reġjun (kodiċi) | | | Meħtieġa |
| Livell tal-QEK | | | Meħtieġa |
| Deskrizzjoni tal-kwalifika (***) | Jew | Għarfien | Meħtieġa |
| | | Ħiliet | Meħtieġa |
| | | Responsabbiltà u awtonomija | Meħtieġa |
| | Jew inkella | Spazju miftuħ riservat għal test li jiddeskrivi dak li mistenni jkun jaf, jifhem jew kapaċi jagħmel min jitgħallem | Meħtieġa |
| Korp li joħroġ il-kwalifika jew awtorità kompetenti (**) | | | Meħtieġa |
| Punti ta' kreditu/xogħol nozzjonali meħtieġ biex jinkisbu l-eżiti tat-tagħlim | | | Fakultattiva |
| Proċessi interni għall-assigurazzjoni tal-kwalità | | | Fakultattiva |
| Korp regolatorju estern/korp estern responsabbli għall-assigurazzjoni tal-kwalità | | | Fakultattiva |
| Aktar informazzjoni dwar il-kwalifika | | | Fakultattiva |
| Sors tal-informazzjoni | | | Fakultattiva |
| Link għas-supplimenti rilevanti | | | Fakultattiva |
| URL tal-kwalifika | | | Fakultattiva |
| Lingwa tal-informazzjoni (kodiċi) | | | Fakultattiva |
| Rekwiżiti għad-dħul | | | Fakultattiva |
| Data tal-iskadenza (fejn rilevanti) | | | Fakultattiva |

| DATA | | Meħtieġa/ Fakultattiva |
|---|---|---|
| Modi kif tinkiseb il-kwalifika | | Fakultattiva |
| Rabta mal-professjonijiet jew l-oqsma professjonali | | Fakultattiva |

(*) ISCED FoET2013

(**) L-informazzjoni minima meħtieġa dwar il-korp li joħroġ il-kwalifika jew l-awtorità kompetenti tagħmilha eħfef li wieħed isib informazzjoni dwaru jew dwarha, li tkun tinkludi ismu jew isimha, jew fejn applikabbli isem il-grupp ta' korpi li joħorġu l-kwalifiki jew ta' awtoritajiet kompetenti, flimkien mal-URL jew l-informazzjoni ta' kuntatt.

(***) Din id-deskrizzjoni għandha tikkonsisti minn spazji miftuħa riżervati għat-test, mingħajr ebda użu preskritt ta' terminoloġija standard u l-ebda obbligu li l-Istati Membri jittraduċu d-deskrizzjoni għal lingwi oħra tal-UE.

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

**(Il-Każ M.8301 — GE/ATI/JV)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2017/C 189/04)

Fit-2 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1]. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32017M8301. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

**(Il-Każ M.8190 — Weichai/Kion)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2017/C 189/05)

Fil-15 ta' Frar 2017, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1]. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32017M8190. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUNSILL

## Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-ħidma fost iż-żgħażagħ għall-appoġġ liż-żgħażagħ fl-iżvilupp ta' ħiliet essenzjali għall-ħajja li jiffaċilitaw it-transizzjoni b'suċċess tagħhom għall-ħajja adulta, iċ-ċittadinanza attiva u l-ħajja tax-xogħol

(2017/C 189/06)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

WAQT LI JFAKKAR

1. L-isfond politiku għal din il-kwistjoni kif jinsab fl-Anness I għal dawn il-konklużjonijiet;

JIRRIKONOXXI LI

2. L-Unjoni Ewropea qed tiffaċċja sfidi ekonomiċi u soċjali sinifikanti, parzjalment b'riżultat tal-migrazzjoni li qed tiżdied, konsegwenza tal-kriżi finanzjarja u ekonomika.

3. Dawn l-iżviluppi joffru sfidi partikolari lill-valuri demokratiċi, il-koeżjoni soċjali, il-prospetti tal-impjiegi u l-ħajja tax-xogħol kif ukoll għall-inklużjoni u l-benesseri taż-żgħażagħ, partikolarment dawk f'riskju u b'inqas opportunitajiet.

4. It-tisħiħ tal-kunċett ta' ċittadinanza attiva taż-żgħażagħ, id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tagħha, ir-rikonoxximent u r-rispett għall-valuri demokratiċi tagħha, id-diversità kulturali, il-garanzija tiegħu tal-libertà tal-espressjoni u tat-twemmin, permezz tal-kisba tal-ħiliet għall-ħajja meħtieġa [1] huwa essenzjali jekk dawn l-isfidi jridu jiġu indirizzati b'suċċess.

5. L-iżvilupp tal-ħiliet għall-ħajja huwa ta' importanza indaqs mhux biss fl-indirizzar tal-isfidi ekonomiċi, politiċi, soċjali u umani li jirriżultaw minn rata ta' qgħad għolja fost iż-żgħażagħ, iżda wkoll fl-għoti tal-għajnuna liż-żgħażagħ biex jiddeterminaw u jsawru l-ġejjieni tagħhom permezz ta' impjiegi ta' kwalità, l-inklużjoni soċjali u ċ-ċittadinanza attiva.

B'KONT MEĦUD TA'

6. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar *Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għal Ewropa Inklużiva u Kompetittiva* [2] u b'mod partikolari ir-rikonoxximent tagħha li "Huwa importanti li wieħed imur lil hinn mill-ħtiġijiet immedjati tas-suq tax-xogħol u jiffoka wkoll fuq dawk l-aspetti tal-edukazzjoni u t-taħriġ li kapaċi jagħtu spinta lill-innovazzjoni, l-intraprenditorija u l-kreattività, isawru s-setturi u joħolqu impiegi u swieq ġodda, jemanċipaw lin-nies (inkluż dawk l-aktar vulnerabbli), jarrikkixxu l-ħajja demokratika, u jiżviluppaw ċittadini impenjati, attivi u ta' talent".

7. Ir-reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim Tul il-Ħajja [3] li tipprovdi opportunità għal approċċ inklużiv lejn l-iżvilupp ta' kompetenzi li jistgħu jgħinu liż-żgħażagħ u jiffaċilitaw it-transizzjoni b'suċċess tagħhom għall-ħajja adulta, iċ-ċittadinanza attiva u l-ħajja tax-xogħol. Għalkemm b'terminoloġija differenti, il-Qafas Ewropew tal-Kompetenzi Ewlenin attwali diġà jirreferi għal bosta mill-ħiliet tal-ħajja definiti f'dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill.

---

[1] Definizzjoni tal-ħiliet għall-ħajja kif mifhuma f'dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tinsab fil-paragrafi 10 – 12 u fl-Anness II

[2] Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għal Ewropa Inklużiva u Kompetittiva (ĠU C 467, 15.12.2016, p. 1).

[3] Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja (ĠU L 394, 30.12.2006, p. 10).

JISSOTTOLINJA LI

8. Filwaqt li hemm bosta aspetti biex jintlaħqu l-isfidi tal-qgħad fost iż-żgħażagħ u d-diżlokazzjoni soċjali u l-aljenazzjoni politika li jirriżultaw minnu, is-settur taż-żgħażagħ, permezz ta' ħidma effettiva fost iż-żgħażagħ, għandu rwol biex jgħin liż-żgħażagħ jiksbu u jiżviluppaw il-ħiliet tal-ħajja li jgħinuhom jimmassimizzaw il-potenzjal tagħhom u jappoġġawhom biex jiksbu u jżommu ħajja personali, soċjali u tax-xogħol produttiva u li tagħtihom sodisfazzjon. Tali ħiliet għall-ħajja jistgħu jgħinu wkoll biex tiġi evitata l-marġinalizzazzjoni u jiġġieldu propaganda, retorika u mġiba li jistgħu jkunu marbuta mar-radikalizzazzjoni li tista' twassal għall-estremiżmu vjolenti.

JIRRIKONOXXI LI

9. Filwaqt li l-ħidma fost iż-żgħażagħ tista' tfisser firxa wiesgħa ta' miżuri, proġetti, programmi, attivitajiet u inizjattivi offruti minn diversi fornituri f'varjetà ta' ambjenti, karatteristika speċifika ta' prattika ta' ħidma u enfasi fost iż-żgħażagħ hija l-iżvilupp personali u soċjali taż-żgħażagħ.

10. Ħidma effettiva fost iż-żgħażagħ tista' twassal għal riżultati pożittivi għaż-żgħażagħ permezz

— tal-iżvilupp tal-kompetenzi tagħhom u b'hekk it-tisħiħ tal-iżvilupp personali tagħhom,

— il-promozzjoni u l-inkoraġġiment ta' valuri soċjali, imġiba u attitudnijiet pożittivi partikolarment fir-relazzjonijiet tagħhom ma' oħrajn,

— it-trawwim tal-kapaċitajiet kreattivi u innovattivi u l-potenzjal tagħhom li jippermettulhom jipparteċipaw b'suċċess fil-ħajja tax-xogħol,

— il-promozzjoni tal-valuri demokratiċi, biex b'hekk tissaħħaħ iċ-ċittadinanza attiva u l-parteċipazzjoni demokratika.

11. Il-ħiliet għall-ħajja huma mġiba pożittiva, affermattiva u soluzzjoni tal-problemi użati b'mod xieraq u responsabbli fil-ħajja ta' kuljum - fid-dar, online, fil-komunità, fl-edukazzjoni/taħriġ u fuq il-post tax-xogħol. Huma sett ta' ħiliet personali u soċjali miksuba permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ, il-ħidma fost iż-żgħażagħ u t-tagħlim mhux formali u informali li jista' jintuża biex ikunu indirizzati kwistjonijiet, mistoqsijiet u problemi li spiss jiltaqgħu magħhom ta' kuljum tul il-ħajja.

JAQBEL LI

12. Il-ħiliet għall-ħajja huma importanti għaż-żgħażagħ kollha, iżda għandhom sinifikat u importanza partikolari għaż-żgħażagħ f'riskju u dawk b'inqas opportunitajiet u għall-ħtiġijiet tagħhom tal-impjiegi, l-inklużjoni soċjali u l-parteċipazzjoni demokratika.

13. Il-promozzjoni u l-provvediment għall-kisba u l-iżvilupp ta' ħiliet għall-ħajja taż-żgħażagħ jistgħu jkunu parti integrali tal-politika taż-żgħażagħ fil-livell Ewropew kif ukoll tal-Istati Membri.

JINNOTA LI

14. L-Anness II jipprovdi kompendju ta' ħiliet għall-ħajja li jindikaw għadd ta' attributi. Dan il-kompendju la huwa preskrittiv u lanqas esklussiv u jirrifletti dawk il-ħiliet għall-ħajja li l-ħidma fost iż-żgħażagħ tista' tippromwovi u tgħin bl-aħjar mod biex iż-żgħażagħ jiksbuhom. ([1])

15. Il-ħiliet għall-ħajja, kif definiti fl-Anness II, qed jevolvu u d-determinazzjoni ta' kif il-ħiliet għall-ħajja għandhom jiġu prijoritizzati, ippreżentati u promossi hija kwistjoni għall-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati Ewropej, nazzjonali u lokali rilevanti.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI B'RISPETT LEJN IL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ BIEX

16. Irawmu l-kontribut tal-ħidma fost iż-żgħażagħ fl-iżvilupp tal-ħiliet għall-ħajja taż-żgħażagħ f'oqfsa u miżuri ta' politika taż-żgħażagħ immirati lejn l-appoġġ liż-żgħażagħ.

17. Ixerrdu u jippromwovu fost il-fornituri ta' ħidma fost iż-żgħażagħ, l-għodod ta' tagħlim, metodoloġiji u prattiki partikolarment dawk żviluppati minn persuni li jaħdmu fost iż-żgħażagħ li jistgħu jappoġġaw liż-żgħażagħ fil-kisba ta' ħiliet għall-ħajja.

([1]) Għall-finijiet ta' dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill, fornituri ta' ħidma fost iż-żgħażagħ huma mifhuma bħala kwalunkwe organizzazzjoni, aġenzija u korp ieħor, kemm megħjuna mill-istat u volontarji, li jipprovdu programmi, proġetti, inizjattivi u attivitajiet għaż-żgħażagħ ibbażati fuq ħidma fost iż-żgħażagħ.

18. Jappoġġaw aktar l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari biex il-fornituri ta' ħidma fost iż-żgħażagħ itejbu l-kapaċità tagħhom li jappoġġaw liż-żgħażagħ fil-kisba ta' ħiliet għall-ħajja.

19. Fejn xieraq, jirrikonoxxu u jivvalidaw programmi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ li jtejbu l-kapaċità ta' dawk li jaħdmu fost iż-żgħażagħ, kemm imħallsa jew volontarji u mexxejja taż-żgħażagħ biex jużaw b'suċċess għodod ta' tagħlim, metodoloġiji u prattiki li jgħinu liż-żgħażagħ jidentifikaw, jiksbu u jiżviluppaw ħiliet għall-ħajja, bl-użu ta' għodod u metodi ta' valutazzjoni u awtovalutazzjoni.

20. Jippromwovu u jsaħħu l-volontarjat fost iż-żgħażagħ li jista' jiffaċilitalhom il-kisba ta' ħiliet għall-ħajja u jikkontribwixxi għas-sehem tagħhom flimkien mal-fornituri ta' ħidma fost iż-żgħażagħ fi proġetti u inizjattivi ta' ħidma fost iż-żgħażagħ.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI FIL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM BIEX

21. Jippromwovu u jipprovdu opportunitajiet ta' tagħlim bejn il-pari u reċiproku, proġetti u inizjattivi lill-fornituri ta' ħidma fost iż-żgħażagħ biex jikkondividu l-għarfien, l-għodod u l-esperjenza fit-trawwim u l-iżvilupp ta' ħiliet għall-ħajja fost iż-żgħażagħ.

22. Jikkunsidraw liema ħiliet għall-ħajja miksuba miż-żgħażagħ permezz tal-ħidma fost iż-żgħażagħ u kif jistgħu jiġu identifikati, u dokumentati, sabiex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni permezz ta' mekkaniżmi għall-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali [1].

23. Jiġi massimizzat l-użu ta' Erasmus+ u programmi oħra ta' finanzjament tal-UE b'appoġġ għall-prattika ta' ħidma fost iż-żgħażagħ biex jitrawmu u jiġu żviluppati ħiliet għall-ħajja taż-żgħażagħ.

24. Isaħħu d-djalogu bejn il-ħidma fost iż-żgħażagħ, il-politika taż-żgħażagħ u r-riċerka taż-żgħażagħ u l-koordinazzjoni bejn il-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej, b'hekk jiffaċilitaw in-netwerking, il-kooperazzjoni, it-tagħlim bejn il-pari u l-iskambju fir-rigward tal-promozzjoni u l-iżvilupp ta' ħiliet għall-ħajja fost iż-żgħażagħ.

25. Jidentifikaw, jappoġġaw u jxerrdu għodod, metodoloġiji u prattiki eżistenti u innovattivi li jrawmu ħiliet għall-ħajja f'diversi ambjenti ta' ħidma fost iż-żgħażagħ.

26. Jippromwovu u jappoġġaw sħubijiet u inizjattivi transettorjali, b'mod partikolari bejn il-fornituri ta' ħidma fost iż-żgħażagħ, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, is-servizzi soċjali u tal-impjiegi, u s-sħab soċjali li jgħinu liż-żgħażagħ jiksbu u jiżviluppaw ħiliet għall-ħajja.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX

27. Tikkontribwixxi għall-bini tal-għarfien dwar il-ħiliet għall-ħajja mrawma u żviluppati permezz tal-ħidma fost iż-żgħażagħ u tappoġġa lill-Istati Membri fil-promozzjoni tal-bini ta' kapaċità u l-iżvilupp professjonali ta' dawk li jaħdmu maż-żgħażagħ.

28. Tippromwovi l-ħidma fost iż-żgħażagħ bħala parti integrali tal-*Aġenda Ġdida għall-Ħiliet* li kemm iżżid valur lill-aspetti kollha tal-aġenda kif ukoll tikkomplementahom u tappoġġahom.

29. Tippromwovi u tappoġġa approċċ transettorjali fl-għajnuna liż-żgħażagħ biex jiksbu u jiżviluppaw il-kompetenzi meħtieġa biex jiffaċilitaw it-transizzjoni b'suċċess tagħhom għall-ħajja adulta, iċ-ċittadinanza attiva u l-ħajja tax-xogħol.

30. Tiżgura li dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill jikkontribwixxu għar-reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim Tul il-Ħajja bil-ħsieb li tissaħħaħ u tkun konsistenti mad-dimensjoni tal-ħiliet għall-ħajja fil-Qafas Ewropew tal-Kompetenzi Ewlenin.

---

[1] Rakkomandazzjoni dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali (ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1).

*ANNESS I*

## Sfond politiku

— Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja (ĠU L 394, 30.12.2006, p. 10).

— Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali (ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1).

— Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Perkorsi ta'Titjib tal-Ħiliet: Opportunitajiet Ġodda għall-Adulti (ĠU C 484, 24.12.2016, p. 1).

— Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontribut ta' ħidma ta' kwalità fost iż-żgħażagħ għall-iżvilupp, il-benesseri u l-inklużjoni soċjali taż-żgħażagħ (ĠU C 168, 14.6.2013, p. 5).

— Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-massimizzazzjoni tal-potenzjal tal-politika taż-żgħażagħ fl-indirizzar tal-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 (ĠU C 224, 3.8.2013, p. 2).

— Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-inklużjoni soċjali ta' żgħażagħ barra mill-impjieg, edukazzjoni, jew taħriġ (ĠU C 30, 1.2.2014, p. 5).

— Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-intraprenditorija taż-żgħażagħ għat-trawwim tal-inklużjoni soċjali taż-żgħażagħ (ĠU C 183, 14.6.2014, p. 18).

— Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-ħidma fost iż-żgħażagħ sabiex jiġu żgurati soċjetajiet koeżivi (ĠU C 170, 23.5.2015, p. 2).

— Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni politika taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika fl-Ewropa (ĠU C 417, 15.12.2015, p. 10).

— Rapport Konġunt tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (mill-2010 sal-2018) (ĠU C 417, 15.12.2015, p. 17).

— Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-attivitajiet volontarji fl-isport għall-promozzjoni taċ-ċittadinanza attiva (ĠU C 372, 20.12.2011, p. 24).

— Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-massimizzazzjoni tar-rwol tal-isport tal-massa fl-iżvilupp ta' ħiliet trasversali, speċjalment fost iż-żgħażagħ (ĠU C 172, 27.5.2015, p. 8).

— Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni intitolata *Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa –Naħdmu flimkien biex insaħħu l-kapital uman, l-impjegabbiltà u l-kompetittività* (2016).

— Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għal Ewropa Inklużiva u Kompetittiva (ĠU C 467, 15.12.2016, p. 1).

— Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni li twassal għal estremiżmu vjolenti (ĠU C 467, 15.12.2016, p. 3).

## Studji, Rapporti ta' Grupp ta' Esperti u Dikjarazzjonijiet

— Ħidma maż-żgħażagħ: il-valur tal-ħidma għaż-żgħażagħ fl-Unjoni Ewropea (2014).

— L-iżvilupp tal-kreattività u l-potenzjal innovattiv taż-żgħażagħ permezz ta' tagħlim mhux formali f'modi li huma rilevanti għall-impjiegi (2014).

— Ħidma ta' kwalità fost iż-żgħażagħ - Qafas komuni għall-iżviluppi futuri tal-ħidma fost iż-żgħażagħ (2015).

— Il-kontribut speċifiku tal-ħidma għaż-żgħażagħ biex jiġu indirizzati l-isfidi li qed jiffaċċjaw iż-żgħażagħ b'mod partikolari fit-transizzjoni mill-edukazzjoni għall-impjieg (2015).

— Dikjarazzjoni tal-ewwel Konvenzjoni Ewropea dwar il-Ħidma fost iż-Żgħażagħ (2010)

— Rapport u Dikjarazzjoni tat-Tieni Konvenzjoni Ewropea dwar il-Ħidma fost iż-Żgħażagħ (2015).

*ANNESS II* ([1])

| Kompendju ta' ħiliet għall-ħajja u l-attributi tagħhom | | | |
|---|---|---|---|
| **Interpersonali** | **Komunikazzjoni** | **Konjittivi** | **Personali** |
| Tmexxija, riżoluzzjoni tal-konflitti, ippjanar u organizzazzjoni, ħidma f'tim, negozjar u sensibilizzazzjoni interkulturali. | Espressjoni (u smigħ) ta' fehmiet u opinjonijiet, diskussjoni u dibattitu, litteriżmu diġitali u fil-media, preżentazzjoni u sosteniment. | Ħsieb kritiku, analiżi motivata, ħsieb kreattiv, soluzzjoni tal-problemi, teħid ta' deċiżjonijiet, interpretazzjoni, ġudizzju. | Awtokunfidenza, awtostima, reżiljenza, awtonomija, inizjattiva, empatija. |

Il-karatteristiċi ta' tali ħiliet għall-ħajja huma:

**olistiċi**, għax ifittxu li jiżviluppaw lill-persuna b'mod sħiħ u jgħinuhom jakkwistaw awtorealizzazzjoni pożittiva kemm bħala individwi kif ukoll bħala esseri umani.

**ta' valur fihom innifishom**, li joffru liż-żgħażagħ esperjenzi ta' tagħlim pożittivi u ta' tisħiħ li jappoġġaw l-iżvilupp tagħhom.

**komplementari u ta' tisħiħ**, billi jappoġġaw it-tagħlim u l-iżvilupp taż-żgħażagħ fl-edukazzjoni u t-taħriġ, fil-familja, fil-komunità, fil-ħajja ċivika u soċjali u fuq il-post tax-xogħol.

**trasversali u transsettorjali**, irrilevanti mill-kuntest, kemm jekk fl-edukazzjoni, fuq il-post tax-xogħol, fil-komunità jew fit-twettiq ta' attivitajiet kulturali, soċjali jew politiċi, il-ħiliet miksuba huma ta' rilevanza u użu immedjat.

**jagħtu s-setgħa u l-kapaċità**, b'hekk jippermettu lit-talenti, l-ħiliet u l-kapaċitajiet taż-żgħażagħ, kif ukoll l-imġiba u l-attitudnijiet tagħhom, isibu espressjoni kostruttiva fil-ħajja personali, ċivika, kulturali u tax-xogħol tagħhom.

([1]) Il-kompendju ta' ħiliet għall-ħajja jinkludi wħud mill-aktar ħiliet u kompetenzi komunement imsemmija li tirreferi għalihom il-letteratura internazzjonali u b'mod partikolari l-Istudji u r-Rapporti tal-Grupp ta' Esperti elenkati fl-Anness I.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar perspettivi strateġiċi għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ wara l-2018**

(2017/C 189/07)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR:

1. Fl-isfond politiku għal din il-kwistjoni kif jinsab fl-Anness ta' dawn il-konklużjonijiet.

FILWAQT LI JAGĦRAF LI:

2. Il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titlu "Strateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ – Investiment u Responsabbilizzazzjoni. Metodu miftuħ u mġedded ta' koordinazzjoni biex jindirizza l-isfidi u l-opportunitajiet għaż-żgħażagħ" ([1]) ippruvat tistabbilixxi approċċ transsettorjali biex taghti setgħa liż-żgħażagħ fl-Ewropa u tagħtihom ir-riżorsi u l-opportunitajiet biex jiksbu l-awtonomija.

3. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar "Qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (2010 - 2018)" ([2]) inkorporat l-aktar strateġija tal-UE kompetittiva u ambizzjuża għaż-żgħażagħ s'issa. It-tul ta' żmien tal-qafas ħabat mal-kriżi finanzjarja u ekonomika li, filwaqt li ftit jew wisq laqtet ħażin liċ-ċittadini u l-Istati Membri kollha tal-UE, ħalliet impatt negattiv u sproporzjonat fuq iż-żgħażagħ, u fuq iż-żgħażagħ b'anqas opportunitajiet b'mod partikolari, li rriżulta f'livelli għoljin ta' qgħad u żied ir-riskju ta' diżlokazzjoni soċjali, aljenazzjoni politika u saħansitra radikalizzazzjoni vjolenti u estremiżmu li mbagħad ħolqu sfida għall-valuri demokratiċi u l-koeżjoni soċjali.

4. Kif jidher fir-Rapporti dwar iż-Żgħażagħ tal-Kummissjoni Ewropea tal-2012 u tal-2015 u r-Rapport Konġunt tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (2010-18) ([3]), il-qafas ta kontribut importanti u siewi mhux biss għall-kooperazzjoni fil-qasam taż-żgħażagħ iżda għall-ħajja, il-prospetti, il-benessri, is-sehem u l-inklużjoni taż-żgħażagħ madwar l-Unjoni Ewropea.

5. Il-Pjani ta' Ħidma tal-UE għaż-Żgħażagħ tal-2014-2015 ([4]) u l-2016-2018 ([5]) saħħew u tejbu l-istrumenti u l-proċessi għall-implimentazzjoni tal-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ, billi allinjawh iktar mal-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020 u indirizzaw l-isfidi emerġenti.

JINNOTA LI:

6. Il-perijodu ta' żmien operazzjonali tal-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ ser jiskadi fi tmiem l-2018 u l-perijodi ta' żmien operazzjonali kemm ta' Ewropa 2020, l-istrateġija ta' għaxar snin tal-Unjoni Ewropea għall-impjiegi u t-tkabbir, kif ukoll tal-programm Erasmus + ser jiskadu fi tmiem l-2020.

JISSOTTOLINJA li:

7. Il-promozzjoni u s-issalvagwardja tal-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif imniżżel fl-Artikolu 2 TUE ([6]), u t-trawwim tas-sens ta' identità Ewropea taż-żgħażagħ u l-fiduċja tagħhom fil-proġett Ewropew bl-iżvilupp tal-kompetenzi tagħhom u l-promozzjoni tas-sehem politiku, l-involviment ċiviku u l-attivitajiet ta' volontarjat u l-mobilità tat-tagħlim tagħhom, ser ikomplu jkunu fundamentali biex tiġi determinata l-kooperazzjoni Ewropea futura fil-qasam taż-żgħażagħ.

8. Ir-rwol tal-ħidma u tat-tagħlim mhux formali u dak informali taż-żgħażagħ huwa ta' importanza ċentrali fil-qasam taż-żgħażagħ u jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-kompetenzi taż-żgħażagħ.

JAQBEL LI:

9. Għandu jiġi żviluppat u appoġġat qafas ġdid għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ, wara l-2018, b'enfasi fuq approċċ transettorjali b'valur miżjud ċar fil-livell tal-UE u li jinkludi l-possibbiltà ta' Pjani ta' Ħidma tal-UE għaż-Żgħażagħ għandu jiġi żviluppat u appoġġat waqt li jittieħed kont tar-riżultati tal-evalwazzjoni tal-qafas attwali.

([1]) 9008/09
([2]) ĠU C 311, 19.12.2009, p. 1.
([3]) ĠU C 417, 15.12.2015, p. 17.
([4]) ĠU C 183, 14.6.2014, p. 5.
([5]) ĠU C 417, 15.12.2015, p. 1.
([6]) ĠU C 326, 26.10.2012, p. 17.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI FL-OQSMA RISPETTIVI TA' KOMPETENZA TAGĦHOM U BIR-RISPETT XIERAQ TAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ:

10. jiżguraw li l-iżvilupp tal-qafas għal kooperazzjoni Ewropea futura fil-qasam taż-żgħażagħ ikun ibbażat fuq l-evidenza, influwenzat u mirfud minn konsultazzjoni inklużiva u b'bażi mifruxa mal-partijiet ikkonċernati kollha rilevanti, fosthom iż-żgħażagħ, il-fornituri ta' ħidma fost iż-żgħażagħ ([1]), il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ (kemm professjonali kif ukoll volontarji) u dawk li jfasslu l-politika fil-livelli kollha, sabiex jintlaħaq kunsens fuq l-għanijiet u l-objettivi tal-politika futura fil-qasam taż-żgħażagħ u jittieħed impenn lejhom.

11. iqisu li l-qafas għall-kooperazzjoni Ewropea futura fil-qasam taż-żgħażagħ huwa transettorjali, flessibbli, orjentat għall-ħtiġijiet u trasparenti u jieħu kont taċ-ċirkostanzi politiċi, soċjali, kulturali u ekonomiċi li qed jinbidlu malajr fil-livelli Ewropej u internazzjonali.

12. jiżguraw li Erasmus + u programmi u strumenti oħra jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Qafas u, fejn adatt, huma allinjati miegħu.

13. ipoġġu l-fokus prinċipali tal-qafas fuq it-temi speċifiċi tal-politika dwar iż-żgħażagħ, li huma kompetenza tal-istrutturi responsabbli miż-żgħażagħ iżda wkoll ikomplu jsaħħu l-iżviluppi u l-inizjattivi f'oqsma ta' politika relatati sabiex jiġu żgurati kooperazzjoni transettorjali u appoġġ reċiproku.

14. jevalwaw, jeżaminaw u jġeddu d-Djalogu Strutturat u l-objettivi tiegħu bil-ħsieb li jiġi faċilitat djalogu kostruttiv innovattiv, sinifikanti u mmirat mhux biss ma' żgħażagħ minn organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, iżda wkoll ma' dawk iż-żgħażagħ minn ambjenti differenti, dawk b'anqas opportunitajiet u żgħażagħ mhux organizzati.

15. ikomplu jikkunsidraw il-kompetenzi (l-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet) u l-valuri li ż-żgħażagħ jeħtieġu biex isostnu ħajjiet personali, soċjali u professjonali sodisfaċenti u, b'mod partikolari, biex jikkommunikaw ma' żgħażagħ b'anqas opportunitajiet u jinkluduhom.

16. Jikkunsidraw ir-rwol li l-Internet, il-mezzi tax-xandir soċjali u d-diġitalizzazzjoni jistgħu jaqdu fil-promozzjoni tas-solidarjetà, il-parteċipazzjoni politika u ċ-ċittadinanza attiva fost iż-żgħażagħ u fil-ġlieda kontra l-aljenazzjoni politika, il-populiżmu, il-propaganda u r-radikalizzazzjoni li jistgħu jwasslu għall-estremiżmu vjolenti.

17. jevalwaw, ikomplu jsaħħu u jiżviluppaw fejn possibbli strumenti politiċi, għodod u metodi u kollaborazzjonijiet komplementari bħas-Sħubija bejn l-UE u l-KtE fil-Qasam taż-Żgħażagħ bl-għan li jżommu u jtejbu kooperazzjoni Ewropea effettiva fil-qasam taż-żgħażagħ, wara l-2018.

KONSEGWENTEMENT JAQBEL LI:

18. jistieden lill-Presidenzi futuri jħejju abbozz ta' qafas ġdid għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ, wara l-2018, billi jqisu dawn il-Konklużjonijiet kif ukoll l-inizjattiva li jmiss tal-Kummissjoni għal Strateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ – wara l-2018. Dan l-abbozz għandu jitressaq quddiem il-Kunsill bil-ħsieb tal-adozzjoni tiegħu.

([1]) Fornituri ta' ħidma fost iż-żgħażagħ huma mifhuma bħala kull organizzazzjoni, aġenzija u korp ieħor, kemm megħjuna mill-istat kif ukoll volontarji, li jipprovdu programmi, proġetti, inizjattivi u attivitajiet għaż-żgħażagħ ibbażati fuq il-ħidma fost iż-żgħażagħ.

*ANNESS*

## SFOND POLITIKU

1. It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ([1])

2. Il-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (2010-2018) li stipula żewġ għanijiet strateġiċi globali u approċċ doppju biex dawn jintlaħqu, bl-użu ta' inizjattivi speċifiċi fil-qasam taż-żgħażagħ u l-integrazzjoni ta' inizjattivi fi tmien oqsma ta' azzjoni. Il-qafas ippreveda wkoll ċikli ta' ħidma ta' tliet snin li għalihom il-prijoritajiet kellhom jiġu maqbula u Djalogu Strutturat maż-żgħażagħ biex fuqu jiġi bbażat il-proċess.

3. Ir-Rapport Konġunt tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (2015) li evalwa l-impatt tal-qafas matul il-perijodu mill-2013 sal-2015.

4. Ewropa 2020, l-istrateġija fuq għaxar snin tal-Unjoni Ewropea għall-impjiegi u t-tkabbir, li inkludiet l-inizjattivi ewlenin "Żgħażagħ Attivi" u "Aġenda għall-ħiliet ġodda u l-impjiegi".

5. Id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tas-17 ta' Marzu 2015, li promwoviet iċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni.

6. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' April 2015 dwar l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà li tiddikjara li l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ għandha rwol ewlieni x'taqdi fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni vjolenti billi tippromwovi l-valuri komuni Ewropej, trawwem l-inklużjoni soċjali, issaħħaħ il-fehim reċiproku u t-tolleranza.

7. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-10 ta' Ġunju 2016 dwar "Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa: –Naħdmu flimkien biex insaħħu l-kapital uman, l-impjegabbiltà u l-kompetittività".

8. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2016 dwar "Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għal Ewropa Inklużiva u Kompetittiva".

9. Il-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea tas-7 ta' Diċembru 2016 dwar "Ninvestu fiż-Żgħażagħ tal-Ewropa", dwar "It-titjib u l-immodernizzar tal-edukazzjoni" u dwar "Korp Ewropew ta' Solidarjetà".

10. White Paper dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa – Riflessjonijiet u xenarji għall-UE27 sal-2025.

---

([1]) ĠU C 326, 26.10.2012, p. 13.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar approċċ strateġiku tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali**

(2017/C 189/08)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2015 dwar il-kultura fir-relazzjonijiet esterni tal-UE b'attenzjoni fuq il-kultura fil-kooperazzjoni ([1]) għall-iżvilupp li, *inter alia*, appellaw lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex jipproponu approċċ aktar strateġiku għall-kultura fir-relazzjonijiet esterni tal-UE;

2. JILQA' TAJJEB il-fatt li l-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli rrispondew għal din l-istedina billi fit-8 ta' Ġunju 2016 ħarġu Komunikazzjoni Konġunta "Lejn Strateġija tal-UE għal Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali" ([2]);

3. IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Ottubru 2016 dwar l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-UE ([3]), li approvaw l-oqsma prijoritarji għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali u enfasizzaw ir-rwol tad-diplomazija kulturali;

4. JILQA' TAJJEB il-fatt li l-Istrateġija Globali ([4]) rrikonoxxiet ir-rwol tal-kultura fil-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-UE b'mod ġenerali u b'mod partikolari f'oqsma bħall-ġlieda kontra t-terroriżmu, ir-reżiljenza soċjetali u r-riżoluzzjoni tal-konflitti;

5. għalhekk JIRRIKONOXXI li l-kultura tifforma parti minn approċċ strateġiku u trasversali għar-relazzjonijiet internazzjonali tal-Unjoni;

6. B'KUNSIDERAZZJONI DOVUTA lejn l-isferi rispettivi ta' kompetenza tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri, kif ukoll lejn il-prinċipju tas-sussidjarjetà, JENFASIZZA li approċċ strateġiku għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali jenħtieġ li jinkludi l-oqsma ta' politika rilevanti kollha u jqis il-Komunikazzjoni Konġunta tat-8 ta' Ġunju 2016. Jenħtieġ ukoll li dan ikun allinjat mal-Konvenzjoni tal-Unesco tal-2005 dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali kif ukoll mal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli. B'mod aktar speċifiku, jenħtieġ li tali approċċ:

   (a) jinvolvi perspettiva minn isfel għal fuq, filwaqt li jirrispetta l-indipendenza tas-settur kulturali, isaħħaħ il-libertà ta' espressjoni u l-integrità tal-artisti, jinkoraġġixxi kuntatti diretti bejn l-artisti, l-operaturi kulturali u s-soċjetà ċivili, u jippermetti flessibbiltà suffiċjenti biex ikun jista' jitqies ix-xenarju globali f'evoluzzjoni rapida;

   (b) jiġi żviluppat fuq il-premessa li r-relazzjonijiet kulturali internazzjonali jistgħu biss jieħdu forma billi titrawwem id-diversità kulturali fl-UE, biex b'dan il-mod liċ-ċittadini tingħatalhom il-kapaċità li jestendu l-apprezzament u l-konoxxenza kulturali tagħhom, tiġi stimolata l-kreattività tagħhom u jiġu inkoraġġuti t-tagħlim u d-djalogu reċiproku li jikber maż-żmien, bil-ħsieb li kompetenzi interkulturali ([5]) jiġu żviluppati u d-djalogu interkulturali jiġi promoss ulterjorment;

   (c) jinkoraġġixxi l-konsistenza u l-koerenza tal-isforzi, filwaqt li jiżgura l-komplementarjetà totali mal-azzjonijiet tal-Istati Membri. Jenħtieġ li jkun hemm ukoll komplementarjetà ma' azzjonijiet li jkunu qed isiru f'livell internazzjonali, bħal dawk permezz tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Unesco, filwaqt li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi;

7. Bil-fehim li l-kultura hija parti essenzjali mir-relazzjonijiet internazzjonali tal-UE, JIRRAKKOMANDA li jiġi attivat Grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza biex jaġixxi bħala pjattaforma trasversali biex jitfassal approċċ strateġiku tal-UE li jkun integrat, komprensiv u progressiv għar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali li jesplora sinerġiji fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha b'rispett sħiħ għall-prinċipju tas-sussidjarjetà. Billi jagħmel hekk, dan il-Grupp jidentifika l-prinċipji, l-objettivi u l-prijoritajiet strateġiċi komuni ta' tali approċċ għall-inklużjoni fi pjan direzzjonali, filwaqt li jidentifika fejn tista' tkun rilevanti azzjoni konġunta fil-livell tal-UE;

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI biex:

8. Isaħħu l-kollaborazzjoni bejn il-Ministeri rilevanti partikolarment il-Ministeri għall-Kultura u l-Affarijiet Barranin, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, u l-partijiet ikkonċernati;

([1]) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kultura fir-relazzjonijiet esterni tal-UE b'attenzjoni fuq il-kultura fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU C 417, 15.12.2015, p. 41).
([2]) 10082/16
([3]) 13202/16
([4]) 10715/16
([5]) Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2008 dwar Kompetenzi Interkulturali (ĠU C 141, 7.6.2008, p. 14).

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA U S-SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA (SEAE) biex:

9. Jappoġġaw lill-Grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza billi jipprovdu kompetenza esperta teknika, pereżempju permezz tal-Pjattaforma tad-Diplomazija Kulturali ([1]);

10. Jagħtu prijorità lil inizjattivi fil-qasam tar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali permezz ta' politiki u programmi tal-UE u jikkonsidraw li jippromwovu l-viżibbiltà tagħhom permezz ta' portal ta' aċċess uniku;

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, LILL-KUMMISSJONI U LIS-SEAE biex

11. Jiġbru u jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar inizjattivi kulturali f'pajjiżi terzi, inkluż permezz tal-Pjattaforma tad-Diplomazija Kulturali;

12. Jikkunsidraw proġetti pilota f'pajjiżi terzi biex jittestjaw forom ta' kollaborazzjoni, inkluż azzjonijiet konġunti u sħubijiet transsettorjali kreattivi, bl-involviment ta' atturi kulturali lokali, awtoritajiet lokali u reġjonali, NGOs rilevanti, istituti kulturali nazzjonali, raggruppamenti ta' EUNIC ([2]) u delegazzjonijiet tal-UE.

---

([1]) Il-Pjattaforma tad-Diplomazija Kulturali tnediet f'Marzu 2016 mis-Servizz tal-Kummissjoni Ewropea tal-Istrumenti tal-Politika Barranija sabiex tappoġġa lill-istituzzjonijiet tal-UE fl-implimentazzjoni ta' Strateġija tal-UE għal Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali. Il-Pjattaforma għandha l-għan li twettaq attivitajiet li jsaħħu l-involviment kulturali tal-UE ma' pajjiżi terzi u ċ-ċittadini tagħhom, l-iżjed permezz ta' appoġġ u konsulenza lill-istituzzjonijiet tal-UE, inkluż id-delegazzjonijiet tal-UE, u t-twaqqif ta' programm ta' taħriġ għal tmexxija kulturali globali.
(Sors: http://www.cultureinexternalrelations.eu/)

([2]) EUNIC (Istituti Nazzjonali tal-Unjoni Ewropea għall-Kultura) huwa netwerk globali li jiġbor fih istituti kulturali nazzjonali u ambaxxati.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-isport bħala pjattaforma għall-inklużjoni soċjali permezz tal-volontarjat**

(2017/C 189/09)

IL-KUNSILL TAL-UE U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI, IMLAQQGĦIN FIL-KUNSILL,

FILWAQT LI JFAKKRU LI

1. L-isport huwa l-akbar attività soċjali u volontarja fl-Ewropa. Ħafna nies jieħdu interess fih u l-isport għandu rwol importanti biex jiġbor flimkien persuni minn ambjenti differenti.

2. Is-soċjetajiet Ewropew qed jaffaċċjaw sfidi biex jibqgħu koeżivi u inklużivi. Il-volontarjat fl-isport bħala involviment fis-soċjetà jista' jappoġġa l-integrazzjoni soċjali, jikkontribwixxi għaċ-ċittadinanza attiva u jista' jintuża biex tiġi indirizzata l-esklużjoni soċjali ([1]).

3. Il-volontarjat fl-isport jista' joħloq sens aktar b'saħħtu ta' appartenenza fis-soċjetà fost il-membri vulnerabbli tas-soċjetà. Dan jista' jgħin biex jippromwovi ċ-ċittadinanza attiva. Dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill jirrikonoxxu d-diversitajiet fis-soċjetà Ewropea u għandhom l-għan li jindirizzaw gruppi li jinsabu f'riskju ta' emarġinazzjoni, jiġifieri l-migranti u r-refuġjati ([2]), l-anzjani, persuni b'diżabilità u ż-żgħażagħ vulnerabbli ([3]).

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU LI

4. Għadd ta' Stati Membri tal-UE, minkejja li kienu qed jirkupraw bil-mod mill-kriżi ekonomika u finanzjarja, komplew jiġġieldu l-faqar u l-esklużjoni soċjali ([4]). L-inklużjoni soċjali teħtieġ trattament ugwali tal-gruppi kollha fis-soċjetà u enfasi speċjali fuq il-parteċipazzjoni.

5. Il-kunflitti, il-kriżijiet u s-sitwazzjonijiet instabbli fil-pajjiżi terzi wasslu għal żieda bla preċedent fl-għadd ta' migranti u refuġjati ([5]) fl-Ewropa mill-2010, li biha feġġet kriżi tal-migranti u r-refuġjati fl-Ewropa, bl-Istati Membri jbatu biex ilaħħqu mal-influss.

6. Id-dikjarazzjoni konġunta tal-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew dwar il-prijoritajiet leġislattivi tal-UE għall-2017 għandha l-għan tindirizza l-aktar sfidi urġenti li qed taffaċċja l-UE llum. Id-dikjarazzjoni konġunta tistabbilixxi sitt oqsma speċifiċi li għandhom jiġu ttrattati bħala prijorità. L-indirizzar tad-dimensjoni soċjali tal-UE u r-riforma u l-iżvilupp tal-politika tal-migrazzjoni tal-UE huma fost dawn is-sitt oqsma ta' prijorità. ([6])

7. Il-volontarjat fl-isport jista' jilħaq lin-nies fuq livell internazzjonali, nazzjonali, reġjonali u lokali, jinkoraġġixxi ċ-ċittadinanza attiva u jista' jkun ukoll għodda soċjali b'saħħitha f'bosta oqsma. Jista' jintuża biex jgħin fl-integrazzjoni tal-popolazzjoni tal-migranti li qed tiżdied, fil-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali jew biex iżid is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet, kif ukoll jikkontribwixxi għall-ugwaljanza bejn is-sessi. Huwa għandu parti integrali fil-ħolqien tal-koeżjoni soċjali u l-komunitajiet inklużivi. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet lokali, f'kooperazzjoni ma' klabbs sportivi, assoċjazzjonijiet u entitajiet oħra li jużaw l-isport bħala metodu fil-ħidma tagħhom, għandhom rwol kruċjali.

---

([1]) L-esklużjoni soċjali hija mifhuma li tfisser il-proċess li jimbotta lin-nies lejn xifer is-soċjetà, li jillimita l-aċċess tagħhom għar-riżorsi u l-opportunitajiet, inaqqas il-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja soċjali u kulturali normali, u jħallihom iħossuhom emarġinati, bla setgħa u diskriminati.

([2]) Dan id-dokument jirreferi għall-integrazzjoni tal-migranti u r-refuġjati skont il-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgħixu legalment fl-UE adottati fid-9 ta' Diċembru 2016. (15312/16).

([3]) Gruppi li jkollhom riskju ogħla ta' faqar u esklużjoni soċjali mill-popolazzjoni ġenerali. Il-minoranzi etniċi, il-migranti, il-persuni b'diżabilità, dawk bla saqaf fuq rashom, dawk bi problemi ta' abbuż mid-droga, l-anzjani u ż-żgħażagħ iżolati, kollha jiffaċċjaw, ta' spiss, diffikultajiet li jistgħu jwasslu għal aktar esklużjoni soċjali, bħal livelli baxxi ta' edukazzjoni u qagħad jew sottoimpjieg.

([4]) Social Policy Reforms in the EU: A Cross-national Comparison Social Inclusion Monitor Europe (SIM) –Reform Barometer. Jan Arpe, Simona Milio, Andrej Stuchlik (Eds.)

([5]) White Paper dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa u t-triq 'il quddiem – Riflessjonijiet u xenarji għall-UE27 sal-2025 p. 4 "Il-kriżi tar-refuġjati, meta 1,2 miljun persuna waslu l-Ewropa fl-2015, hija ta' skala bla preċedent mindu ntemmet it-Tieni Gwerra Dinjija" (Ara wkoll in-nota 3 f'qiegħ il-paġna).

([6]) Dikjarazzjoni konġunta dwar il-programmazzjoni interistituzzjonali annwali għall-2017 - Approvazzjoni. Dok. 15375/16

8. L-anzjani jirrappreżentaw parti importanti u li qed tikber tas-soċjetà, tal-ekonomija, tal-kultura u tal-ħajja Ewropea. Taħlita ta' fatturi bħad-dħul baxx, problemi ta' saħħa, età avvanzata u/jew diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru, kapaċità fiżika jew mentali mnaqqsa, il-qagħad, l-iżolament, l-abbuż u l-aċċess limitat għas-servizzi jista' kollha jkollhom rwol fiż-żieda tar-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali (7) għal uħud f'dan il-grupp. Il-volontarjat fl-isport jista' joħroġ lill-dawk affettwati mill-iżolament u jwassalhom biex jaqsmu l-esperjenza tagħhom, u b'hekk jappoġġa djalogu interġenerazzjonali.

9. Minbarra li jiżviluppa varjetà ta' ħiliet u kompetenzi fiż-żgħażagħ, il-volontarjat fl-isport jipprovdilhom opportunitajiet ta' tagħlim nonformali u informali li permezz tiegħu jistgħu jiksbu attitudnijiet soċjali pożittivi bbażati fuq il-valuri żviluppati permezz tal-isport. (8) Il-volontarjat fl-isport jista' jservi wkoll ta' xibka ta' sikurezza għaż-żgħażagħ li mhumiex qed jistudjaw jew ma għandhomx impjieg u qegħdin fil-marġni tas-soċjetà (9).

10. L-opportunitajiet indaqs għal persuni b'diżabilità jippermettulhom jipparteċipaw bħala voluntiera fl-isport fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor. (10) Il-persuni kollha b'diżabilità għandu jkollhom id-dritt għal aċċess sħiħ għall-attivitajiet sportivi inkluż li jkunu voluntiera. (11)

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU LI

11. Skont l-Ewrobarometru tal-2014, 7 % taċ-ċittadini tal-UE jgħidu li jinvolvu ruħhom f'ħidma volontarja li tappoġġa attivitajiet sportivi (12). L-istħarriġ juri li terz ta' dawk li wieġbu jqattgħu aktar minn sitt sigħat fix-xahar fil-volontarjat, bi 8 % jagħtu 21 siegħa jew aktar.

12. Il-volontarjat jaqdi rwol ewlieni biex jinkludi lil persuni f'komunità billi jsaħħaħ ir-rwol taċ-ċittadini attivi, iżid l-impjegabbiltà u jippromwovi l-valuri u d-djalogu interkulturali. L-attivitajiet volontarji fl-isport jista' jkollhom forom differenti u jistgħu jitwettqu b'mod okkażjonali (pereżempju, it-tħejjija u l-organizzazzjoni ta' avvenimenti sportivi lokali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali) jew fuq bażi aktar regolari ta' kuljum (pereżempju, attivitajiet imwettqa fit-tmexxija ta' diversi korpi jew assoċjazzjonijiet sportivi attivi fil-qasam tal-isport) (13).

13. Għad hemm nuqqas ta' evidenza li tappoġġa l-politiki fil-qasam tal-inklużjoni soċjali u l-volontarjat fl-isport. Sal-lum għadu ma kien hemm l-ebda studju sistematiku, transnazzjonali li jiffoka fuq il-kundizzjonijiet politiċi, l-implikazzjonijiet ekonomiċi u soċjali u l-karatteristiċi strutturali tal-assoċjazzjonijiet, il-federazzjonijiet, il-klabbs u entitajiet sportivi oħra li jippromwovu l-inklużjoni soċjali u l-volontarjat fl-isport. (14) (15)

14. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandu l-għan li jippermetti lil aktar żgħażagħ jipparteċipaw f'firxa wiesgħa ta' attivitajiet ta' solidarjetà permezz tal-volontarjat, l-impjieg, it-taħriġ jew l-apprendistati, biex jgħin fl-indirizzar ta' sitwazzjonijiet diffiċli fl-Ewropa kollha. Huwa jista' jgħinhom jiżviluppaw il-kompetenzi li għandhom bżonn kemm fis-suq tax-xogħol kif ukoll għal ċittadinanza attiva. Min-naħa tiegħu, dan jista' jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-valuri Ewropej (16).

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI BIEX

15. Jesploraw u japprovaw il-volontarjat fl-isport bħala pjattaforma għall-inklużjoni soċjali. Dan jista' jsir permezz tal-appoġġ u l-inkoraġġiment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali f'kooperazzjoni ma' klabbs u organizzazzjonijiet sportivi, inkluż organizzazzjonijiet nongovernattivi, li jużaw l-isport bħala metodu fil-ħidma tagħhom biex jipprovdu aċċess għal dawk il-persuni li huma soċjalment esklużi. Dan iservi biex jiġu promossi u żviluppati modi

(7) Active Senior Citizens for Europe - A Guide to the EU (2012) AGE Platform Europe.
(8) ĠU C 372, 20.12.2011, p. 24.
(9) Il-Promozzjoni tal-Inklużjoni u l-Valuri Fundamentali permezz tat-Tagħlim Formali u Nonformali: Miżuri fil-livell tal-UE biex tiġi implimentata d-Dikjarazzjoni ta' Pariġi.
(10) ĠU C 326, 3.12.2010, p. 5.
(11) COM(2010) 636 final -"Strateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020: Impenn mill-Ġdid għal Ewropa Mingħajr Ostakoli.
(12) Ewrobarometru Speċjali dwar l-Isport u l-Attività Fiżika 412 (2014)
(13) Grupp ta' Esperti dwar l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani u l-Isport. Rakkomandazzjonijiet biex jinkoraġġixxu l-volontarjat fl-isport, prattiki tajbin dwar mekkaniżmi legali u fiskali.
(14) Il-Proġett "Inklużjoni Soċjali u Volontarjat fil-Klabbs Sportivi fl-Ewropa" (SIVSCE) b'appoġġ għall-Programm Erasmus+ tal-Unjoni Ewropea (2015-2017)
(15) Netwerk Ewropew għall-Inklużjoni fl-Isport (ESPIN) - Nippromwovu Opportunitajiet Indaqs għall-Migranti u l-Minoranzi permezz tal-Volontarjat fl-Isport.
(16) L-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

innovattivi li permezz tagħhom tiġi inkoraġġuta l-inklużjoni soċjali tal-minoranzi u l-gruppi vulnerabbli, inkluż l-anzjani iżolati, iż-żgħażagħ vulnerabbli, il-persuni b'diżabilità, il-migranti u r-refuġjati, bil-promozzjoni tal-volontarjat fl-isport, biex b'hekk il-minoranzi jingħataw ħiliet ġodda u jitnissel fihom l-isport bħala stil ta' ħajja.

16. Jippromwovu l-isport fost persuni mill-isferi kollha tas-soċjetà, inkluż il-migranti, l-anzjani, il-persuni b'diżabilità u ż-żgħażagħ vulnerabbli.

17. Jiżviluppaw u jippromwovu l-volontarjat fl-isport bħala kunċett edukattiv ta' valur li għandu jiġi inkluż fil-livelli differenti tat-tagħlim informali u dak mhux formali, filwaqt li jinvolvu lill-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u sportivi u partijiet ikkonċernati oħra tas-soċjetà ċivili u jsaħħu l-kooperazzjoni bejniethom. Dan jista' jinvolvi programmi edukattivi b'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tal-isport li jenfasizzaw il-benefiċċji ta' benessri fiżiku u mentali kif ukoll l-importanza tal-voluntiera fl-isport.

18. Jippromwovu l-volontarjat permezz tal-organizzazzjoni ta' avvenimenti sportivi kbar bi sħubija mal-moviment sportiv. Avvenimenti sportivi kbar jistgħu joffru opportunità kbira biex jinħolqu l-kundizzjonijiet xierqa għat-taħriġ ta' voluntiera, billi jgħinuhom jiksbu l-kompetenzi meħtieġa.

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX

19. Tappoġġa l-iskambju ta' prattiki tajbin u għarfien relatati mal-volontarjat fl-isport fl-Istati Membri kollha tal-UE bil-ħsieb tal-kontribut u l-impatt li għandu l-volontarjat fl-isport fuq l-inklużjoni soċjali.

20. Tikkunsidra l-appoġġ għal inizjattivi transnazzjonali (eż. skambju ta' prattiki tajbin, studji, netwerks, proġetti) li jiffukaw fuq l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet strateġiċi nazzjonali u internazzjonali dwar l-inklużjoni soċjali fil-qafas tal-programmi ta' finanzjament tal-UE, speċjalment Erasmus+ u l-Fond Soċjali Ewropew, b'enfasi fuq il-volontarjat fl-isport.

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI EWROPEA U LILL-ISTATI MEMBRI, FIL-LIMITI RISPETTIVI TAL-KOMPETENZA TAGĦHOM BIEX

21. Iqisu l-Ġimgħa Ewropea tal-Isport bħala inizjattiva biex tippromwovi l-volontarjat fl-isport u tinvolvi individwi minn kull parti tas-soċjetà. Din tista' tkun mezz biex jintlaħqu t-taqsimiet kollha tas-soċjetà permezz tal-attivitajiet f'żoni żvantaġġati u billi jiġu attirati voluntiera fl-isport minn dawn iż-żoni.

22. Jippromwovu r-rikonoxximent u l-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali li jinkiseb permezz tal-volontarjat fl-isport, b'mod partikolari permezz tal-użu ta' għodod u gwida ([17]) Ewropej li jistgħu jiffaċilitaw il-validazzjoni u jtejbu l-komparabbiltà, it-trasparenza u r-rikonoxximent aħjar tal-eżiti tat-tagħlim miksuba. L-għan ikun li jiġi eżaminat kif jista' jissaħħaħ l-istatus tal-voluntiera sabiex jiġi żgurat ir-rikonoxximent tal-kompetenzi li jkunu kisbu.

23. Jippromwovu l-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment u l-Fond ta' Koeżjoni għall-infrastruttura kif ukoll programmi oħra għall-klabbs sportivi biex itejbu l-kundizzjonijiet soċjali prevalenti speċjalment f'dawk iż-żoni b'konċentrazzjoni għolja ta' gruppi li jinsabu f'riskju ta' emarġinazzjoni.

24. Jippromwovu l-kunċett tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fost l-organizzazzjonijiet sportivi u jinkoraġġuhom jieħdu sehem f'din l-inizjattiva, sabiex iż-żgħażagħ li huma attivi fil-qasam tal-isport ikun jista' jkollhom aċċess aħjar għal dan il-programm.

JISTIEDNU LILL-MOVIMENT TAL-ISPORT JIKKUNSIDRA LI

25. Jinkoraġġixxi l-inklużjoni tal-migranti u r-refuġjati, l-anzjani, il-persuni b'diżabilità, u taż-żgħażagħ vulnerabbli fi rwoli varji ta' volontarjat f'attivitajiet sportivi fuq il-livell bażiku permezz tal-organizzazzjoni ta' avvenimenti sportivi żgħar u kbar u jagħmel id-dħul fil-qasam tal-volontarjat fl-isport fuq il-livell bażiku aktar aċċessibbli sabiex tingħata s-setgħa lil dawn l-individwi.

26. Jiżviluppa kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet sportivi, organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u organizzazzjonijiet nongovernattivi oħra dwar kif jippromwovu, jinvolvu u jżommu l-voluntiera sabiex jimmassimizzaw l-opportunitajiet għall-volontarjat fl-isport, pereżempju fil-qafas ta' avvenimenti sportivi kbar.

([17]) Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali (ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1).

27. Joħloq opportunitajiet ta' tagħlim u ta' taħriġ biex jittejbu l-ħiliet tal-voluntiera fl-istaff ta' organizzazzjonijiet sportivi inkluż il-migranti u r-refuġjati, iċ-ċittadini anzjani, il-persuni b'diżabilità, iż-żgħażagħ vulnerabbli u minoranzi oħra, filwaqt li fl-istess ħin jindirizza t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' dawk responsabbli mir-reklutaġġ u l-ġestjoni ta' gruppi diversi ta' voluntiera.

28. Jinkoraġġixxi opportunitajiet indaqs fil-klabbs sportivi, inkluż it-trattament ugwali ta' gruppi f'riskju ta' emarġinazzjoni fir-rigward tas-sħubija u l-parteċipazzjoni bħala voluntiera fil-klabb.

29. Jippromwovi l-involviment ta' anzjani fi klabbs sportivi u l-integrazzjoni ta' voluntiera anzjani, u juża l-esperjenza utli mill-ħajja tagħhom fi strutturi sportivi fil-livelli kollha.

*ANNESS*

Id-dokumenti ewlenin li ġejjin jenfasizzaw l-importanza tal-volontarjat fl-isport bħala għodda għall-inklużjoni soċjali:

1. L-Istrateġija Ewropa 2020 u waħda mis-seba' inizjattivi ewlenin, li tenfasizza l-ħtieġa għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi li għandhom jgħinu lill-persuni li jinsabu fuq ix-xifer tal-faqar u huma esklużi soċjalment biex jgħixu bid-dinjità u jieħdu sehem attiv fis-soċjetà (7110/10).

2. Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2010 dwar ir-rwol tal-isport bħala sors u mutur tal-inklużjoni soċjali attiva (ĠU C 326, 3.12.2010, p. 5).

3. Komunikazzjoni dwar il-Politiki tal-UE u l-Volontarjat: Ir-Rikonoxximent u l-Promozzjoni fl-UE tal-Ħidmiet Volontarji Transkonfinali (COM(2011) 568 final).

4. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-attivitajiet volontarji fl-isport għall-promozzjoni taċ-ċittadinanza attiva (ĠU C 372, 20.12.2011, p. 24).

5. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali (ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1).

6. Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Isport 2014-2017 (ĠU C 183, 14.6.2014, p. 12).

7. Ewrobarometru Speċjali dwar l-Isport u l-Attività Fiżika 412 (2014).

8. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa: Naħdmu flimkien biex insaħħu l-kapital uman, l-impjegabbiltà u l-kompetittività (dok. 10038/16).

9. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgħixu legalment fl-UE adottati fid-9 ta' Diċembru 2016 (dokument 15312/16).

10. Dikjarazzjoni konġunta dwar il-programmazzjoni interistituzzjonali annwali għall-2017 (dokument 15375/16).

11. Ninvestu fiż-Żgħażagħ tal-Ewropa

    (a) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Ninvestu fiż-Żgħażagħ tal-Ewropa (dok. 15420/16).

    (b) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Korp Ewropew ta' Solidarjetà (dok. 15421/16).

12. Grupp ta' Esperti dwar l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani u l-Isport. Rakkomandazzjonijiet biex jinkoraġġixxu l-volontarjat fl-isport, prattiki tajbin dwar mekkaniżmi legali u fiskali (Diċembru 2016).

13. Netwerk Ewropew għall-Inklużjoni fl-Isport (ESPIN) - Nippromwovu Opportunitajiet Indaqs għall-Migranti u l-Minoranzi permezz tal-Volontarjat fl-Isport.

14. COM(2010) 636 final -Strateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020: Impenn mill-Ġdid għal Ewropa Mingħajr Ostakoli.

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Rata tal-kambju tal-euro ([1])

**L-14 ta' Ġunju 2017**

(2017/C 189/10)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,1203 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,4796 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 123,58 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 8,7392 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4363 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,5453 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,87960 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,5457 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,7448 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 260,45 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,0874 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 14,2697 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 7,6147 |
| NOK | Krona Norveġiża | 9,4140 | HRK | Kuna Kroata | 7,3995 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 14 880,38 |
| CZK | Krona Ċeka | 26,163 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,7702 |
| HUF | Forint Ungeriż | 306,39 | PHP | Peso Filippin | 55,465 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,1967 | RUB | Rouble Russu | 63,9450 |
| RON | Leu Rumen | 4,5664 | THB | Baht Tajlandiż | 38,023 |
| TRY | Lira Turka | 3,9362 | BRL | Real Brażiljan | 3,7027 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,4778 | MXN | Peso Messikan | 20,2078 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 72,0350 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

# AWTORITÀ TA' SORVELJANZA EFTA

**Tħabbira min-Norveġja dwar id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-ipprospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi**

**Tħabbira ta' stedina għall-applikazzjoni għal liċenzji għall-produzzjoni ta' żejt mhux maħdum fuq il-Blata Kontinentali Norveġiża — Għotjiet f'Żoni Predefiniti għall-2017**

(2017/C 189/11)

Il-Ministeru Norveġiż għaż-Żejt mhux Raffinat u l-Enerġija b'dan qiegħed iħabbar stedina għal applikazzjoni għal *liċenzji għall-produzzjoni taż-żejt* mhux raffinat b'konformità mad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-ipprospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi, Artikolu 3(2)(a).

Il-liċenzji għall-produzzjoni se jingħataw biss lil kumpaniji rreġistrati fin-Norveġja jew fi stat ieħor imsieħeb fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (il-Ftehim taż-ŻEE), jew lil persuni fiżiċi domiċiljati fi stat imsieħeb fil-Ftehim taż-ŻEE.

Kumpaniji li ma għandhomx liċenzja għall-Blata Kontinentali Norveġiża jistgħu jingħataw liċenzji għall-produzzjoni jekk ikunu kwalifikati minn qabel bħala detenturi ta' liċenzja għall-Blata Kontinentali Norveġiża.

Il-Ministeru se jittratta l-kumpaniji individwali u l-kumpaniji li japplikaw bħala parti minn grupp bl-istess mod. L-applikanti li jissottomettu applikazzjoni individwali, jew l-applikanti li jagħmlu parti minn grupp li jissottometti applikazzjoni konġunta, se jkunu kkunsidrati bħala applikant għal liċenzja għall-produzzjoni. Il-Ministeru jista', fuq il-bażi ta' applikazzjonijiet li ġew sottomessi minn gruppi jew applikanti individwali, jgħaqqad gruppi ta' detenturi ta' liċenzji biex jingħataw liċenzja tal-produzzjoni ġdida, inkluż it-tneħħija ta' applikanti f'applikazzjoni ta' grupp u ż-żieda ta' applikanti individwali, u jaħtar l-operatur għal gruppi bħal dawn.

L-għoti ta' parteċipazzjoni f'liċenzja għall-produzzjoni se jkun soġġett għad-dħul tad-detenturi ta' liċenzja fi Ftehim dwar Attivitajiet marbutin maż-Żejt mhux Raffinat, li jinkludi Ftehim Operattiv Konġunt u Ftehim ta' Kontabbiltà. Jekk il-liċenzja għall-produzzjoni tinqasam b'mod stratigrafiku, id-detenturi taż-żewġ liċenzji maqsuma b'mod stratigrafiku jintalbu wkoll jidħlu fi Ftehim Operattiv Konġunt, li jirregola r-relazzjoni ta' bejniethom f'dan ir-rigward.

Malli jiġu ffirmati l-ftehimiet imsemmija, id-detenturi tal-liċenzji jingħaqdu f'impriża konġunta li fiha d-daqs tal-parteċipanti tagħhom dejjem se jibqa' identiku għall-parteċipanti tagħhom fil-liċenzja għall-produzzjoni.

Id-dokumenti tal-liċenzja ser ikunu bbażati prinċipalment fuq dokumenti rilevanti mill-Għotjiet f'Żoni Predefiniti 2016. L-għan hu li l-elementi prinċipali ta' kwalunkwe aġġustamenti għall-qafas isiru disponibbli għall-industrija qabel iż-żmien tal-applikazzjoni.

**Il-kriterji għall-għoti ta' liċenzja għall-produzzjoni**

Fl-interess ta' ġestjoni tajba tar-riżorsi u biex l-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt mhux raffinat fuq il-Blata Kontinentali Norveġiża jsiru b'mod rapidu u effiċjenti, inkluż il-kompożizzjoni ta' gruppi ta' liċenzja sabiex jiżguraw dan, għandhom japplikaw il-kriterji li ġejjin għall-għoti tal-parteċipazzjonijiet fil-liċenzji għall-produzzjoni u għall-ħatra ta' operatur:

(a) L-għarfien ġeoloġiku tal-applikant dwar iż-żona ġeografika inkwistjoni, u kif il-liċenzjati jipproponu li jwettqu l-esplorazzjoni effiċjenti għaż-żejt mhux raffinat.

(b) Il-kompetenza teknika rilevanti tal-applikant, u kif din il-kompetenza tista' tikkontribwixxi b'mod attiv għall-esplorazzjoni kosteffikaċi u, kif inhu xieraq, il-produzzjoni taż-żejt mhux raffinat fiż-żona ġeografika inkwistjoni.

(c) L-esperjenza tal-applikant fuq il-Blata Kontinentali Norveġiża jew esperjenza rilevanti ekwivalenti f'żoni oħra.

(d) Li l-applikant għandu jkollu kapaċità finanzjarja sodisfaċenti biex iwettaq l-esplorazzjoni għaż-żejt mhux raffinat, u, kif xieraq, il-produzzjoni tiegħu fiż-żona ġeografika inkwistjoni.

(e) Jekk l-applikant huwa, jew kien, detentur ta' liċenżja tal-produzzjoni l-Ministeru jista' jieħu f'kunsiderazzjoni kwalunkwe forma ta' ineffiċjenza jew nuqqas ta' responsabilità murija mill-applikant bħala detentur ta' liċenzja.

(f) Il-liċenzji għall-produzzjoni se jingħataw prinċipalament lil impriża konġunta li fiha minn tal-inqas waħda minn fost dawk li ngħataw liċenzja tkun ħaffret minn tal-inqas bir wieħed fuq il-Blata Kontinentali Norveġiża bħala operatur, jew ikollha esperjenza operazzjonali rilevanti ekwivalenti barra mill-NCS (il-Blata Kontinentali Norveġiża).

(g) Prinċipalment, ser jinħarġu liċenzji għall-produzzjoni lil żewġ detenturi jew aktar, fejn minn tal-inqas wieħed mill-parteċipanti li jingħataw liċenzja jkollu esperjenza kif imsemmi f'f).

(h) L-operatur maħtur għal-liċenzji għall-produzzjoni fil-Baħar Barents irid ikun ħaffer minn tal-inqas bir wieħed fuq il-Blata Kontinentali Norveġiża bħala operatur, jew ikollu esperjenza operazzjonali rilevanti ekwivalenti barra mill-NCS.

(i) Għal-liċenzji ta' produzzjoni f'baħar fond, kemm l-operatur li jinħatar kif ukoll minn tal-anqas detentur wieħed ieħor iridu jkunu ħaffru minn tal-anqas bir wieħed fuq il-Blata Kontinentali Norveġiża bħala operatur, jew ikollhom esperjenza operazzjonali rilevanti ekwivalenti barra mill-NCS. Fil-liċenzja għall-produzzjoni, entità waħda li tingħata liċenzja trid tkun ħaffret f'ibħra fondi bħala operatur.

(j) Għal-liċenzji ta' produzzjoni fejn ikun mistenni li jsir tħaffir ta' bjar fi pressa għolja u/jew temperaturi għoljin (HTHP), kemm l-operatur li jinħatar kif ukoll minn tal-anqas detentur ieħor iridu jkunu ħaffru minn tal-anqas bir wieħed fuq il-Blata Kontinentali Norveġiża bħala operatur, jew ikollhom esperjenza operazzjonali rilevanti ekwivalenti barra mill-NCS. Fil-liċenzja għall-produzzjoni, entità waħda minn fost dawk li jingħataw liċenzja trid tkun ħaffret bir HTHP bħala operatur.

**Blokok li għalihom tista' ssir applikazzjoni**

L-applikazzjonijiet għal parteċipazzjonijiet f'liċenzji għall-produzzjoni jistgħu jiġu sottomessi għall-blokok li mhumiex liċenzjati fiż-żona ddefinita minn qabel, kif muri fuq il-mapep ippubblikati mill-NPD. Huwa wkoll possibbli li ssir applikazzjoni għal żoni li ġew ċeduti fiż-żona definita minn qabel, wara t-tħabbira skont mapep aġġornati fil-Factmaps interattivi tad-Direttorat taż-Żejt mhux Maħdum Norveġiż li jinsabu fuq il-paġna web tal-NPD).

Kull liċenzja għall-produzzjoni tista' tikkonsisti fi blokka jew aktar jew parti minn blokka/blokok. L-applikanti huma mitluba li jillimitaw id-deskrizzjoni fl-applikazzjoni għal żoni fejn huma jkunu diġà għamlu studju prospettiv.

It-test sħiħ tat-tħabbira, li jinkludi mapep iddettaljati taż-żoni disponibbli jinsab fuq il-paġna web tad-Direttorat taż-Żejt mhux Maħdum Norveġiż www.npd.no/apa2017

L-applikazzjonijiet għal liċenzji għall-produzzjoni taż-żejt mhux raffinat għandhom jintbagħtu lil:

Ministry of Petroleum and Energy
P.O. Box 8148 Dep.
NO-0033 Oslo
NORWAY

Għandhom jintbagħtu żewġ kopji lil

The Norwegian Petroleum Directorate
Box 600
4003 Stavanger
NORWAY

**Skadenza: l-1 ta' Settembru 2017 f'nofsinhar (12.00).**

L-għoti ta' liċenzji għall-produzzjoni taż-żejt mhux maħdum fl-Għotjiet f'Żoni Predefiniti għall-2017 fuq il-Blata Kontinentali Norveġiża huwa ppjanat li jseħħ fl-ewwel kwart tal-2018.

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI TAL-QORTI

# QORTI TAL-EFTA

**INĠUNZJONI**

**tal-15 ta' Novembru 2016**

**fil-Kawża E-7/16**

**Míla ehf. vs l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA**

*(Eċċezzjoni preliminari ta' ammissibbiltà — Għajnuna mill-Istat — Deċiżjoni biex tingħalaq il-proċedura ta' investigazzjoni formali)*

(2017/C 189/12)

Il-Kawża E-7/16 Míla ehf. v. l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA – APPLIKAZZJONI taħt l-Artikolu 36(2) tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità u ta' Qorti tal-Ġustizzja mill-Qorti għall-annullament tad-Deċiżjoni Nru 061/16/COL tas-16 ta' Marzu 2016 tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA li tagħlaq l-investigazzjoni formali dwar l-allegata għajnuna mill-Istat permezz tal-lokazzjoni ta' fibrottika preċedentement operata f'isem in-NATO, il-Qorti, magħmula minn Carl Baudenbacher, President, Per Christiansen (Imħallef Relatur) u Páll Hreinsson, Imħallfin, ħarġet ordni fil-15 ta' Novembru 2016, li l-parti operattiva tagħha hija kif ġej:

1. L-applikazzjoni ġiet miċħuda bħala inammissibbli.

2. Ir-rikorrent għandu jeħel l-ispejjeż tal-proċedimenti.

**SENTENZA TAL-QORTI**

**tas-16 ta' Novembru 2016**

**fil-Kawża E-4/16**

**L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA v Ir-Renju tan-Norveġja**

*(Nuqqas ta' konformità ma' sentenza tal-Qorti li tiddikjara nuqqas ta' twettiq ta' obbligi — l-Artikolu 33 SCA — Il-miżuri meħtieġa biex ikun hemm konformità ma' sentenza tal-Qorti)*

(2017/C 189/13)

Fil-Kawża E-4/16, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA v Ir-Renju tan-Norveġja — APPLIKAZZJONI għal dikjarazzjoni li r-Renju tan-Norveġja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 33 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja billi naqas milli jieħu l-miżuri meħtieġa fiż-żmien preskritt biex jikkonforma mas-sentenza tal-Qorti tat-2 ta' Diċembru 2013 fil-Kawża E-13/13 l-*ESA* vs *in-Norveġja*, il-Qorti, magħmula minn Carl Baudenbacher, President, Per Christiansen u Páll Hreinsson (Imħallef Relatur), Imħallfin, ħarġet ordni fis-16 ta' Novembru 2016, li l-parti operattiva tagħha hija kif ġej:

Il-Qorti b'dan:

1. Tiddikjara li r-Renju tan-Norveġja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 33 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja billi naqas milli jieħu l-miżuri meħtieġa fiż-żmien preskritt biex jikkonforma mas-sentenza tal-Qorti tat-2 ta' Diċembru 2013 fil-Kawża E-13/13 l-*ESA* vs *in-Norveġja*.

2. Tordna lir-Renju tan-Norveġja li jħallas l-ispejjeż tal-proċedimenti.

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.8467 — BNP Paribas/Commerz Finanz)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2017/C 189/14)

1. Fis-6 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża BNP Paribas Personal Finance SA ("BNPP PF", Franza), sussidjarja kollha kemm hi proprjetà ta' BNP Paribas SA, takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku ta' Commerz Finanz GmbH kollha kemm hi ("CFG", il-Ġermanja), bħalissa taħt il-kontroll konġunt ta' BNP PF u Commerz Finanz ("Commerzbank", il-Ġermanja) permezz ta' xiri ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— CFG: bank tal-krediti tal-konsumatur, attwalment proprjetà konġunta ta' BNP PF u Commerzbank, attiv prinċipalment fil-qasam ta' self lil individwi fil-Ġermanja. Bħala parti mit-tranżazzjoni prevista, il-kumpanija se tinqasam bejn BNPP PF u Commerzbank permezz ta' diviżjoni f'żewġ unitajiet kummerċjali separati u indipendenti, jiġifieri n-negozju tal-"Punt tal-Bejgħ tal-Finanzi" u n-negozju tal-"Banking". In-negozju tal-"Punt tal-Bejgħ tal-Finanzi" għandhom jibqa' f'idejn CFG (BNPP PF bħala l-azzjonist waħdieni) u se jinkludi l-attivitajiet kollha li għandhom x'jaqsmu mad-distribuzzjoni ta' prodotti CFG direttament lill-klijenti jew permezz ta' punt tal-bejgħ (offlajn u onlajn) ta' bejjiegħ bl-imnut.

— BNPP PF: kumpanija tas-servizzi finanzjarji kollha kemm hi proprjetà ta' BNP Paribas SA, attiva primarjament fil-qasam tal-krediti għall-konsumaturi. BNP Paribas SA hija grupp bankarju dinji attiv fin-negozji bankarji prinċipali kollha: servizzi bankarji għall-pubbliku, ġestjoni u servizzi tal-assi kif ukoll servizzi bankarji korporattivi u għall-investiment;

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8467 — BNP Paribas/Commerz Finanz, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.8483 — Bain Capital/Cinven/Stada Arzneimittel)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2017/C 189/15)

1. Fit-2 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha l-fondi ġestiti minn Bain Capital Investors, L.L.C. ("Bain Capital", l-Istati Uniti tal-Amerika) u l-fondi ġestiti minn Cinven Capital Management (VI) Limited Partnership Incorporated, li taġixxi permezz tas-sieħeb ġenerali tagħha, Cinven Capital Management (VI) General Partner Limited ("Cinven", ir-Renju Unit), jakkwsitaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' Stada Arzneimittel Aktiengesellschaft ("Stada", il-Ġermanja) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Bain Capital: kumpanija ta' investiment ta' ekwità privata, attiva f'ħafna industrji, inklużi t-teknoloġija informatika, il-kura tas-saħħa, prodotti bl-imut u tal-konsumatur, telekomunikazzjonijiet, kimiċi, finanzjarji u industrijali/manifattura;

— għal Cinven: investiment ta' ekwità privata ffokat f'sitt oqsma ewlenin: servizzi tan-negozju, il-konsumatur, servizzi finanzjarji, kura tas-saħħa, industrijali, u t-teknoloġija, il-midja u t-telekomunikazzjonijiet;

— għal Stada: attiva fl-iżvilupp, il-manifattura, ir-reġistrazzjoni, il-bejgħ, il-kummerċjalizzazzjoni, id-distribuzzjoni u l-promozzjoni ta' prodotti tax-xjenza tal-ħajja bħall-mediċini (b'mod partikolari għall-ingredjenti farmaċewtiċi attivi mhux protetti bit-trademark), supplimenti tal-ikel, prodotti kosmetiċi u firxa ta' prodotti oħra tal-kura tas-saħħa.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2] ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8483 — Bain Capital/Cinven/Stada Arzneimittel, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
(2) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(M.8440 — DuPont/FMC (Health and Nutrition Business))**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2017/C 189/16)

1. Fis-7 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża E.I. du Pont de Nemours and Company ("DuPont", l-Istati Uniti tal-Amerika), takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll uniku tan-negozju tas-Saħħa u n-Nutrizzjoni ("SuN") ta' FMC Corporation ("FMC", l-Istati Uniti tal-Amerika) li jinkludi texturants tal-ikel u excipients farmaċewtiċi (imma li jeskludi n-negozju tal-Omega-3 ta' FMC).

Din il-konċentrazzjoni proposta hija parti minn ftehim ta' xiri u ta' bejgħ ta' assi, li daħlu għalih bejniethom DuPont u FMC fl-31 ta' Marzu 2017, li jipprevedi l-akkwist minn FMC ta' ċerti attivitajiet ta' DuPont, skont l-impenji ta' ċessjoni li kienu ġew konklużi minn DuPont u The Dow Chemical Company ("Dow") bħala parti mill-proċedimenti ta' kontroll tal-konċentrazzjonijiet Ewropej marbuta mal-konċentrazzjoni proposta ta' Dow u DuPont (il-Każ M.7932).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— DuPont hija kumpanija diversifikata fis-sustanzi kimiċi bil-kwartieri ġenerali fl-Istati Uniti tal-Amerika. Din hija l-kumpanija prinċipali aħħarija tal-grupp Dupont, li tirriċerka, tiżviluppa, tipproduċi, tqassam, u tbigħ varjetà ta' prodotti kimiċi, polimers, agrokimiki, żrieragħ, ingredjenti tal-ikel u materjali oħra. In-negozju tan-Nutrizzjonu u s-Saħħa ta' DuPont jimmanifattura u jforni prodotti mfassla speċifikament biex itejbu s-sigurtà, il-kwalità nutrittiva, il-konsistenza, u l-ħajja ta' fuq l-ixkaffa ta' prodotti tal-ikel u x-xorb, tal-prodotti farmaċewtiċi, u tas-supplimenti tal-ikel,

— Dow hija kumpanija diversifikata fis-sustanzi kimiċi bil-kwartieri ġenerali fl-Istati Uniti tal-Amerika. Hija l-kumpanija prinċipali aħħarija tal-grupp Dow, li hija attiva fil-plastika u l-kimiċi, ix-xjenzi tal-agrikoltura, u l-prodotti u servizzi tal-idrokarburi u l-enerġija. Dow għandha preżenza iktar limitata fil-qasam tan-Nutrizzjoni u s-Saħħa,

— FMC hija kumpanija dinjija ta' kimiċi ta' speċjaltà bi kwartieri fl-Istati Uniti tal-Amerika u li għandha interessi fis-swieq agrikoli, industrijali u tal-konsumatur. In-negozju huwa maqsum fi tliet partijiet: (i) Soluzzjonijiet Agrikoli; (ii) Saħħa u Nutrizzjoni; u (iii) Litjum. In-negozju tas-Saħħa u n-Nutrizzjoni ta' FMC jikkonsisti fi tliet oqsma wesgħin tal-prodotti — Ingredjenti Nutrizzjonali, Excipients tas-Saħħa, u Ingredjenti tas-Saħħa Funzjonali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8440 — DuPont/FMC (Health and Nutrition Business), fl-indirizz li jmiss:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.8504 — EDF Energy Services/ESSCI)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2017/C 189/17)

1. Fis-6 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha EDF Energy Services Limited ("EDFES", Franza) takkwista l-kontroll uniku ta' ESSCI Limited ("ESSCI", ir-Renju Unit), fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— EDFES: ultimament ikkontrollata mill-Grupp EDF, kienet stabbilita biex tforni servizzi tal-enerġija fir-Renju Unit;

— ESSCI: tipprovdi servizzi tekniċi ġestiti fir-Renju Unit u fl-Irlanda; permezz tas-sussidjarja tagħha Imtech, hija attiva fl-inġinerija mekkanika u elettrika, fil-ġestjoni ta' faċilitajiet tekniċi u fl-integrazzjoni ta' sistemi industrijali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8504 — EDF Energy Services/ESSCI, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

**RETTIFIKA**

## Rettifika għal proċeduri ta' stralċ — Deċiżjoni biex jitnedew proċeduri ta' stralċ fir-rigward ta' ADRIA Way

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 123 tal-20 ta' April 2017)*

(2017/C 189/18)

F'paġna 3 fit-titolu, wara "Impriża tal-assigurazzjoni" u wara "Data, dħul fis-seħħ u natura tad-deċiżjoni",

*minflok:* "ADRIA Way",

*aqra:* "Cestovní pojišťovna ADRIA Way družstvo 'v likvidaci'".

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT